Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2163

30.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2163

tas-17 ta' Settembru 2026

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-oġġetti ("Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), biex fl-istess waqt jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, tal-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u tal-politiki oħrajn tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti.

(2) Għall-finijiet tas-simplifikazzjoni leġiżlattiva, jixraq li n-NM tiġi modernizzata u li l-istruttura tagħha tiġi adattata.

(3) Jeħtieġ ukoll li n-NM tiġi emendata sabiex jitqiesu l-bidliet fir-rekwiżiti relatati mal-istatistika u mal-politika kummerċjali u mal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali, billi jiġu introdotti subintestaturi ġodda biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' oġġetti speċifiċi ("qatgħat taċ-ċanga mingħajr għadam" fil-Kapitolu 02, "fjokki tal-PET" fil-Kapitolu 39, "qoxra tas-siġar", "skart mill-produzzjoni", "virguni tal-ballut" u "virguni tal-fagu" fil-Kapitolu 44, "skart u skrapp ferruż li jkun fih elementi tal-materjali tal-art rari" fil-Kapitolu 72, "monopuntali tal-azzar tat-turbini eoliċi" fil-Kapitolu 73, "skart u skrapp tal-aluminju" fil-Kapitolu 76, "assemblaġġi tal-gondoli tat-turbini eoliċi", "kalamiti permanenti li jkun fihom elementi tal-materjali tal-art rari", "ċelloli tal-jon tal-litju", "skart u skrapp ta' kalamiti permanenti li jkun fihom elementi tal-materjali tal-art rari", "skart u skrapp ta' rotors li jinkorporaw kalamiti permanenti li jkun fihom elementi tal-materjali tal-art rari" u "skart u skrapp ta' hard disk drives" fil-Kapitolu 85 tan-NM).

(4) Meta titqies l-emenda ta' isem xjentifiku ta' speċi speċifika ta' ħut fl-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, jixraq li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-kodiċijiet NM 0302 89 31, 0303 89 31 u 0304 89 21.

(5) Sabiex jiġi mmonitorjat aħjar il-kontenut tan-nitroġenu fil-fertilizzanti u l-prekursuri tal-fertilizzanti, jeħtieġ li tiġi introdotta unità supplimentari għall-kodiċijiet NM 2808 00 00, 2814 10 00, 2814 20 00, 2834 21 00, 3105 20 10, 3105 20 90, 3105 30 00, 3105 40 00, 3105 51 00, 3105 59 00, 3105 90 20 u 3105 90 80.

(6) Fl-interess taċ-ċarezza u sabiex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni ħażina, jeħtieġ li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-linji intermedji fis-subintestaturi 6403 51, 6403 91 u 7308 90 u l-kodiċi NM 8414 10 81, u li tiġi introdotta n-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 95.

(7) Meta titqies l-opinjoni ta' klassifikazzjoni adottata mill-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, jixraq li tiġi emendata l-klassifikazzjoni taċ-ċiklosporina fl-Anness 3 fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

(8) B'effett mill-1 ta' Jannar 2027, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jiġi sostitwit b'verżjoni kompluta u aġġornata tan-NM, flimkien mar-rati tad-dazju awtonomi u konvenzjonali li jirriżultaw minn kwalunkwe miżura adottata mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

"ANNESS I

NOMENKLATURA MAGĦQUDA

SOMMARJU

L-EWWEL PARTI — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Paġna

TAQSIMA 1 — REGOLI ĠENERALI

A. REGOLI ĠENERALI GĦALL-INTERPRETAZZJONI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA 15

B. REGOLI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW DAZJI 16

Ċ. REGOLI APPLIKABBLI KEMM GĦAN-NOMENKLATURA KIF UKOLL GĦAD-DAZJI 17

TAQSIMA II — DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. OĠĠETTI GĦAL ĊERTI KATEGORIJI TA' VAPURI, DGĦAJJES U BASTIMENTI OĦRA U GĦAL PJATTAFORMI GĦAT-TĦAFFIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI 18

B. MEZZI TAL-AJRU ĊIVILI U OĠĠETTI GĦALL-UŻU F'MEZZI TAL-AJRU ĊIVILI 19

Ċ. PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI 22

D. RATA STANDARD TA' DAZJU 23

E. KONTENITURI U MATERJALI TA' IPPAKKJAR 24

F. TRATTAMENT FAVOREVOLI TA' TARIFFA MINĦABBA FIN-NATURA TAL-OĠĠETTI 24

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI 26

UNITAJIET SUPPLIMENTARI 27

IT-TIENI PARTI — SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

Kapitlu Paġna

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

1 ANNIMALI ĦAJJIN 30

2 LAĦAM U ĠEWWIENI LI JITTIEKEL 35

3 ĦUT U KRUSTAĊJI, MOLLUSKI U INVERTEBRATI AKKWATIĊI OĦRAJN 54

4 PRODOTTI TAL-ĦALIB; BAJD TAL-GĦASAFAR; GĦASEL NATURALI; PRODOTTI TAJBIN GĦALL-IKEL ĠEJJIN MILL-ANNIMALI, LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA 78

5 PRODOTTI ĠEJJIN MILL-ANNIMALI LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BAND'OĦRA 92

TAQSIMA II

PRODOTTI VEĠETALI

6 SIĠAR ĦAJJIN U PJANTI OĦRAJN; BASAL, GĦERUQ U BĦALHOM; FJURI MAQTUGĦIN U WERAQ ORNAMENTALI 94

7 VEĠETALI U ĊERTI GĦERUQ U TUBERI TAJBIN GĦALL-IKEL 97

Kapitlu		Paġna
8	FROTT U ĠEWŻ TAJBIN GĦALL-IKEL; QOXRA TAL-FROTT TAĊ-ĊITRU JEW TAL-BETTIEĦ	104
9	KAFÈ, TÈ, MATÈ U ĦWAWAR	111
10	ĊEREALI	114
11	PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA TAT-TĦIN; MALT; LAMTI; INULINA; GLUTINA TAL-QAMĦ	119
12	ŻRIERAGĦ U FROTT ŻEJTNIN; DIVERSI ĦABB, ŻRIERAGĦ U FROTT; PJANTI INDUSTRIJALI JEW MEDIĊINALI; TIBEN U FORAĠĠ	124
13	GOMMALAKKA; GOMOM, RAŻI, U MERAQ U ESTRATTI VEĠETALI OĦRAJN	129
14	MATERJAL TAD-DFIR VEĠETALI; PRODOTTI VEĠETALI LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA	131

TAQSIMA III

XAĦMIJIET U ŻJUT TAL-ANNIMALI, VEĠETALI JEW MIKROBIĊI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAĦMIJIET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TAL-ANNIMALI JEW VEĠETALI

15	XAĦMIJIET U ŻJUT TAL-ANNIMALI, VEĠETALI JEW MIKROBIĊI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAĦMIJIET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TAL-ANNIMALI JEW VEĠETALI	132

TAQSIMA IV

PRODOTTI TAL-IKEL IPPREPARATI; XARBIET, SPIRTI U ĦALL; TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK; PRODOTTI, KEMM JEKK IKUN FIHOM IN-NIKOTINA U KEMM JEKK LE, MAĦSUBA GĦALL-INALAZZJONI MINGĦAJR KOMBUSTJONI; PRODOTTI OĦRA LI FIHOM IN-NIKOTINA MAĦSUBA GĦAT-TIDĦIL TAN-NIKOTINA FIL-ĠISEM TAL-BNIEDEM

16	PREPARATI TA' LAĦAM, TA' ĦUT JEW TA' KRUSTAĊEJ, MOLLUSKI JEW INVERTEBRATI AKKWATIĊI OĦRAJN, JEW TA' INSETTI	143
17	ZOKKRIJIET U ĦLEWWIET TAZ-ZOKKOR	150
18	KAWKAW U PREPARATI TAL-KAWKAW	155
19	PREPARATI TAĊ-ĊEREALI, TAD-DQIQ, TAL-LAMTU JEW TAL-ĦALIB; PRODOTTI TAL-PASTIĊĊIERA	158
20	PREPARATI TA' ĦAXIX, FROTT, ĠEWŻ JEW PARTIJIET OĦRAJN TAL-PJANTI	163
21	PREPARATI DIVERSI TAJBIN GĦALL-IKEL	184
22	XARBIET, SPIRTI U ĦALL	188
23	RESIDWI U SKART MILL-INDUSTRIJITAL-IKEL; FORAĠĠ TAL-ANNIMALI PPREPARAT	203
24	TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK; PRODOTTI, KEMM JEKK IKUN FIHOM IN-NIKOTINA U KEMM JEKK LE, MAĦSUBA GĦALL-INALAZZJONI MINGĦAJR KOMBUSTJONI; PRODOTTI OĦRA LI FIHOM IN-NIKOTINA MAĦSUBA GĦAT-TIDĦIL TAN-NIKOTINA FIL-ĠISEM TAL-BNIEDEM	209

TAQSIMA V

PRODOTTI MINERALI

25	MELĦ; KUBRIT; MATERJALI TAL-ART U ĠEBEL; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT	212
26	MINERALI MHUX MAĦDUMA, GAGAZZA U RMIED	218
27	KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦAT MINERALI	221

Kapitlu Paġna

TAQSIMA VI

PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA KIMIKA JEW DAWK RELATATI MAGĦHA

28 SUSTANZI KIMIĊI INORGANIĊI; KOMPOSTI ORGANIĊI JEW INORGANIĊI TA' METALLI PREZZJUŻI, TA' METALLI TAL-MATERJALI TAL-ART RARI, TA' ELEMENTI RADJUATTIVI JEW TA' ISOTOPI 232

29 SUSTANZI KIMIĊI ORGANIĊI 247

30 PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI 274

31 FERTILIZZANTI 280

32 ESTRATTI GĦALL-IKKONZAR JEW GĦAŻ-ŻBIGĦ; TANNINI U D-DERIVATTIVI TAGĦHOM; ŻEBGĦA, PIGMENTI U MATERJA KOLORANTI OĦRA; ŻEBGĦA U VERNIĊI; STOKK U MASTIĊI OĦRAJN; LINEK . 284

33 ŻJUT ESSENZJALI U REŻINOJDI; PREPARATI TAL-FWEJJAĦ, KOSMETIĊI JEW TAT-TWALETTA 289

34 SAPUN, AĠENTI TENSJOATTIVI ORGANIĊI, PREPARATI GĦALL-ĦASIL, PREPARATI GĦAL-LUBRIKAZZJONI, XEMGĦAT ARTIFIĊJALI, XEMGĦAT IPPREPARATI, PREPARATI GĦALL-ILLOSTRAR JEW GĦALL-GĦORIK, XEMGĦAT U OĠĠETTI SIMILI, PASTES GĦALL-IMMUDELLAR, "XEMGĦAT DENTALI" U PREPARATI DENTALI B'BAŻI TA' ĠIBS 292

35 SUSTANZI ALBUMINOJDALI; LAMTI MODIFIKATI; KOLOL; ENŻIMI 296

36 SPLUSSIVI; PRODOTTI PIROTEKNIĊI; SULFARINI; LIGI PIROFORIĊI; ĊERTI PREPARATI KOMBUSTIBBLI . 299

37 OĠĠETTI FOTOGRAFIĊI JEW ĊINEMATOGRAFIĊI 300

38 DIVERSI PRODOTTI KIMIĊI 303

TAQSIMA VII

PLASTIK U OĠĠETTI TIEGĦU; GOMMA U OĠĠETTI TAGĦHA

39 PLASTIK U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU 316

40 LASTIKU U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU 332

TAQSIMA VIII

ĠLUD MHUX MAĦDUMIN, ĠILDA, FERIJIET U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM; OĠĠETTI TAS-SARRAĠ U XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, BOROŻ TAL-IDEJN U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI TAL-KORDA TAL-MUSRANA (ĦLIEF MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR)

41 ĠLUD GREZZI (GĦAJR IL-ĠLUD TAL-PELLIĊĊERIJA) U L-ĠILDA 339

42 OĠĠETTI TAL-ĠILDA; OĠĠETTI TAS-SARĠ U TAX-XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, HANDBAGS U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI MAGĦMULIN MILL-MUSRANA TAL-ANNIMALI (GĦAJR MILL-MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR) 344

43 ĠLUD TAL-PELLIĊĊERIJA U FER ARTIFIĊJALI; PRODOTTI MAGĦMULIN MINNHOM 347

TAQSIMA IX

INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; FAĦAM TAL-INJAM; SUFRA U OĠĠETTI TAS-SUFRA; MANIFATTURI TA' TIBEN, TA' SPARTU JEW TA' MATERJALI OĦRAJN TAT-TRIZZA; XOGĦOL TAL-QFIEF U XOGĦOL TAL-QASAB

44 INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; KARBONJU TAL-INJAM 349

45 SUFRA U OĠĠETTI TA' SUFRA 364

46 XOGĦLIJIET TAT-TIBNA, TAL-ISPARTU JEW TA' MATERJALI TAD-DFIR OĦRAJN; XOGĦOL TAL-QFIEF U XOGĦOL TAL-QASAB 365

Kapitlu Paġna

TAQSIMA X

POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U FDAL TA') KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT; KARTA JEW KARTUN U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM

47 POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U LAQX TAL-) KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT 367

48 KARTA U KARTUN; OĠĠETTI TAL-POLPA TAL-KARTA, TAL-KARTA JEW TAL-KARTUN 369

49 KOTBA STAMPATI, GAZZETTI, STAMPI U PRODOTTI OĦRAJN TAL-INDUSTRIJA TAL-ISTAMPAR; MANUSKRITTI, TESTI TTAJPJATI U PJANTI 381

TAQSIMA XI

TESSUTI U OĠĠETTI TA' TESSUTI

50 ĦARIR 390

51 SUF, XAGĦAR FIN JEW AĦRAX TAL-ANNIMALI; RADEN U DRAPP MINSUĠIN MILL-KRIN 392

52 QOTON (TAJJAR) 396

53 FIBRI OĦRAJN TA' TESSUTI VEĠETALI; ĦJUT TAL-KARTA U DRAPPIJIET MINSUĠIN MINN ĦJUT TAL-KARTA 404

54 FILAMENTI MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM; STRIXXI U OĠĠETTI SIMILI TA' MATERJALI TESSILI MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM 407

55 FIBRI STAPLE MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM 411

56 WATTIET, FELTRU U DRAPPIJIET MHUX MINSUĠIN; RADEN SPEĊJALI; SPAG, KURDUNI, ĦBULA, U GUMNA U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM 418

57 TWAPET U KISI TAL-ART IEĦOR TA' TESSUTI 422

58 DRAPPIJIET MINSUĠIN SPEĊJALI; DRAPPIJIET TESSILI BIL-BŻIEBEŻ; TAPIZZERIJI; TBERFILIET; RAKKMU 425

59 DRAPPIJIET TESSILI IMPRENJATI, MIKSIJIN, MGĦOTTIJIN JEW LAMINATI; OĠĠETTI TESSILI TA' TIP ADDATTAT GĦALL-UŻU INDUSTRIJALI 428

60 DRAPPIJIET MAĦDUMIN BIL-LABAR (KNITTED) JEW BIL-GANĊ (CROCHETED) 433

61 OĠĠETTI TA' LBIES U AĊĊESSORJI TAL-ĦWEJJEĠ, MAĦDUMIN BIL-LABAR (KNITTED) JEW BIL-GANĊ (CROCHETED) 436

62 OĠĠETTI TAL-ILBIES U AĊĊESSORJI TAL-ĦWEJJEĠ, MHUX INNITTJATI U MHUX MAĦDUMIN BIL-GANĊ 446

63 OĠĠETTI TESSILI OĦRAJN IMMANIFATTURATI; SETTIJIET; ILBIESI QODMA U OĠĠETTI TESSILI QODMA; ĊRARET 457

TAQSIMA XII

ILBIES GĦAR-RIĠLEJN, ILBIES GĦAR-RAS, UMBRELEL, UMBRELEL TAX-XEMX, BSATEN GĦALL-MIXI, BSATEN SIĠĠU, SWAT, FROSTI U PARTIJIET TAGĦHOM; RIX IPPREPARAT U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNU; FJURI ARTIFIĊJALI; OĠĠETTI TA' XAGĦAR UMAN

64 XEDD IS-SAQAJN, GETTI U OĠĠETTI BĦALHOM; IL-PARTIJIET TA' DAWN L-OĠĠETTI 462

65 XEDD IR-RAS U L-PARTIJIET TIEGĦU 468

66 UMBRELEL, UMBRELEL TAX-XEMX, BSATEN GĦALL-MIXI, BSATEN-SIĠĠU, FROSTI, FROSTINI U L-PARTIJIET TAGĦHOM 469

67 RIX U ŻAJBAR IPPREPARATI U OĠĠETTI MAGĦMULIN MIR-RIX JEW MIŻ-ŻAJBAR; FJURI ARTIFIĊJALI; OĠĠETTI MAGĦMULIN MIX-XAGĦAR TAL-BNIEDEM 470

Kapitlu Paġna

TAQSIMA XIII

OĠĠETTI TAL-ĠEBEL, ĠIBS, SIMENT, ASBESTOS, MIKA JEW MATERJALI SIMILI; PRODOTTI TA' ĊERAMIKA; ĦĠIEĠ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEĠ

68 OĠĠETTI TAL-ĠEBEL, ĠIBS, SIMENT, ASBESTOS, MAJKA JEW MATERJALI SIMILI 472

69 PRODOTTI TA' ĊERAMIKA 477

70 ĦĠIEĠ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEĠ 481

TAQSIMA XIV

PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMI-PREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MIKSIJIN B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI TAGĦHOM, ĠOJJELLI ARTIFIĊJALI; MUNITA

71 PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMIPREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MLIBBSA B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNHOM; BIĠOTTERIJA; MUNITI 490

TAQSIMA XV

METALLI TA' VALUR BAXX U OĠĠETTI TA' METALLI TA' VALUR BAXX

72 ĦADID U AZZAR 499

73 OĠĠETTI TA' ĦADID JEW AZZAR 523

74 RAM U OĠĠETTI TIEGĦU 536

75 NIKIL U OĠĠETTI TIEGĦU 541

76 ALUMINJU U OĠĠETTI TIEGĦU 543

77 (*RISERVATA GĦAL LI JISTA' JKUN GĦAL UŻU 'L QUDDIEM*)

78 ĊOMB U OĠĠETTI TIEGĦU 548

79 ŻINGU U OĠĠETTI TIEGĦU 550

80 LANDA U OĠĠETTI TAGĦĦA 551

81 METALLI OĦRAJN TA' VALUR BAXX; ĊERMITI; OĠĠETTI TAGĦĦOM 552

82 GĦODOD, TAGĦMIR, POŻATI, MGĦAREF U FRIEKET, TA' METALL KOMUNI; PARTIJIET TAGĦĦOM TAL-METALL KOMUNI 556

83 OĠĠETTI MIXXELLANJI TA' METALLI KOMUNI 562

TAQSIMA XVI

MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; APPARAT ELETTRIKU; PARTIJIET TAGĦĦOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU STAMPA U ĦOSS TELEVIŻIVI U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI

84 REATTURI NUKLEARI, BOILERS, MAKKINARJU U APPARATI MEKKANIĊI; PARTIJIET TAGĦĦOM 567

85 MAKKINARJU U TAGĦMIR ELETTRIKU U PARTIJIET TAGĦĦOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS, STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U JIRRIPRODUĊU L-ISTAMPI U L-ĦOSS TAT-TELEVIŻJONI, U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI 618

Kapitlu Paġna

TAQSIMA XVII

VETTURI, BIĊĊIET TAL-AJRU, BASTIMENTI U TAGĦMIR TAT-TRASPORT ASSOĊJAT

86 LOKOMOTTIVI TAL-LINJI FERROVJARJI JEW TAT-TRAMM, ROLLING STOCK U PARTS TAGĦHOM; FIXTURES U FITTINGS GĦALL-BINARJI JEW GĦAL-LINJI TAT-TRAMM U PARTS TAGĦHOM; TAGĦMIR TA' SINJALAR MEKKANIKU TAT-TRAFFIKU (INKLUŻ ELETTRO-MEKKANIKU) TA' KULL TIP 650

87 VETTURI ĦLIEF ROLLING-STOCK TA' LINJI FERROVIJI JEW TAT-TRAMM, U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM 653

88 INĠENJI TAL-AJRU, INĠENJI TAL-ISPAZJU, U PARTIJIET TAGĦHOM 669

89 BASTIMENTI, DGĦAJJES U STRUTTURI LI JŻOMMU F'WIĊĊ L-ILMA 672

TAQSIMA XVIII

STRUMENTI U APPARAT OTTIKU, FOTOGRAFIKU, ĊINEMATOGRAFIKU, TA' KEJL, TA' IKKEKKJAR, TA' PREĊIŻJONI, MEDIKU JEW KIRURĠIKU; ARLOĠĠI U ARLOĠĠI TAL-IDEJN; STRUMENTI MUŻIKALI; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM

90 STRUMENTI U APPARAT OTTIKU, FOTOGRAFIKU, ĊINEMATOGRAFIKU, GĦALL-KEJL, GĦALL-IĊĊEKKJAR, TA' PREĊIŻJONI, MEDIKU JEW KIRURĠIKU; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM 675

91 ARLOĠĠI U ARLOĠĠI TAL-IDEJN JEW TAL-BUT U PARTS TAGĦHOM 689

92 STRUMENTI MUŻIKALI; PARTS U AĊĊESSORJI TA' OĠĠETTI BĦAL DAWN 693

TAQSIMA XIX

ARMI U MUNIZZJON; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM

93 ARMI U MUNIZZJON; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM 696

TAQSIMA XX

OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI

94 GĦAMARA; FRIEX, SAQQIJIET, IRFID GĦAS-SAQQIJIET, CUSHIONS U ARREDAMENT SIMILI MIMLI; IL-LUMINARJI U L-FITTINGS TAT-TIDWIL MHUX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA; SINJALI MDAWLIN, PJANĊI TAL-ISMIJIET IMDAWLIN U BĦALHOM; BINI PREFABBRIKAT 698

95 ĠUGARELLI, LOGĦOB U OĠĠETTI GĦALL-ISPORT; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM 704

96 OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI 710

TAQSIMA XXI

XOGĦLIJIET TAL-ARTI, BĊEJJEĊ TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET

97 XOGĦLIJIET TAL-ARTI, BIĊĊIET TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET 716

98 MAKKINARJU INDUSTRIJALI KOMPLET 719

99 KODIĊIJIET SPEĊJALI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA 722

Kapitlu Paġna

IT-TIELET PARTI — ANNESSI GĦAT-TARIFFA

TAQSIMA I — ANNESSI AGRIKOLI

Paġna

ANNESS 1 KOMPONENTI AGRIKOLI (EA), DAZJI ADDIZZJONALI GĦAZ-ZOKKOR (AD S/Z) U DAZJI ADDIZZJONALI GĦAD-DQIQ (AD F/M) 728

ANNESS 2 PRODOTTI LI GĦALIHOM JAPPLIKA PREZZ TA' DĦUL 746

TAQSIMA II — LISTA TA' SUSTANZI FARMAĊEWTIĊI LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT MINGĦAJR DAZJU

ANNESS 3 LISTA TA' ISMIJIET MHUX PROPRJETARJI INTERNAZZJONALI (INNS), MOGĦTIJIN GĦAL SUSTANZI FARMAĊEWTIĊI MILL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAS-SAĦĦA, LI HUMA MEĦLUSIN MID-DAZJU 782

ANNESS 4 LISTA TA' PREFISSI U SUFFISSI LI, FLIMKIEN MAL-INNS TAL-ANNESS 3, JIDDESKRIVU L-MELĦ, L-ESTERI JEW L-IDRATI TA' INNS; DAN IL-MELĦ, ESTERI U IDRATI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU, SAKEMM HUMA KLASSIFIKABBLI TAĦT L-ISTESS TITLU TAS-SISTEMA ARMONIZZATA (SA) B'SITT NUMRI BĦALL-INN KORRISPONDENTI 994

ANNESS 5 MELĦ, ESTERI U IDRATI TA' INNS, LI MHUMIEX IKKLASSIFIKATI TAĦT L-ISTESS TITLU TAS-SISTEMA ARMONIZZATA (SA) BĦALL-INNS KORRISPONDENTI U LI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU. 1008

ANNESS 6 LISTA TA' INTERMEDJI FARMAĊEWTIĊI UŻATI GĦALL-MANIFATTURA TA' PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI MITMUMIN, LI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU 1012

TAQSIMA III

ANNESS 7 (*RISERVATA GĦAL LI JISTA' JKUN GĦAL UŻU 'L QUDDIEM*) 1071

TAQSIMA IV — TRATTAMENT FAVOREVOLI TAT-TARIFFA MINĦABBA FIN-NATURA TAL-OĠĠETTI

ANNESS 8 OĠĠETTI LI MHUMIEX TAJBIN GĦALL-KONSUM 1074

ANNESS 9 ĊERTIFIKATI 1078

TAQSIMA V

ANNESS 10 TARIC STATISTIKAS KODI 1091

L-EWWEL PARTI

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

TAQSIMA I

REGOLI ĠENERALI

A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda

Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subkapitoli qed jingħataw biss għal finijiet ta' ħeffa tar-referenza; għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skont it-termini tal-intestaturi u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitolu relattiv u, sakemm dawn l-intestaturi jew in-noti ma jesiġux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. (a) Kwalunkwe referenza għal oġġett f'intestatura għandha titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut, sakemm, kif ippreżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut ikollu l-karattru essenzjali tal-oġġett komplut jew irfinut. Għandha wkoll titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew irfinut (jew li jista' jkun ikklassifikat bħala komplut jew ikkompletat permezz ta' din ir-regola), ippreżentat mhux assemblat jew żarmat.

   (b) Kwalunkwe referenza għal materjal jew sustanza f'intestatura għandha titqies li tinkludi referenza għal taħlitiet jew kombinamenti ta' dak il-materjal jew is-sustanza ma' materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn dan il-materjal jew din is-sustanza. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal wieħed jew sustanza waħda għandha ssir skont il-prinċipji tar-regola 3.

3. Meta b'applikazzjoni tar-regola 2(b) jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu kklassifikati *prima facie* f'żewġ intestaturi jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:

   (a) l-intestatura li tagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun ippreferuta fuq l-intestaturi li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madankollu, meta jkun hemm żewġ intestaturi jew iżjed li kull waħda minnhom tirreferi biss għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f'oġġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett offrut għall-bejgħ bl-imnut, dawk l-intestaturi għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża tal-oġġetti;

   (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti offruti għall-bejgħ bl-imnut bħala settijiet, li ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu kklassifikati daqslikieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;

   (c) meta l-oġġetti ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati b'referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jixirqilhom li jitqiesu b'mod ugwali.

4. Oġġetti li ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati skont ir-regoli ta' hawn fuq għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura x-xierqa għall-oġġetti li jixbhuhom l-iżjed.

5. Bħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti msemmijin fihom:

   (a) cases għall-kameras, cases għall-istrumenti mużikali, cases għall-ixkubetti, cases għall-istrumenti tat-tpinġija, cases għall-ġiżirajjen u kontenituri simili, iffurmati jew armati apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għall-użu fit-tul u ppreżentati mal-oġġetti li huma intiżi għalihom, għandhom ikunu kklassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu tat-tip li normalment jinbiegħ magħhom. Din ir-regola, madankollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;

(b) soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri tal-ippakkjar ([1]) ippreżentati mal-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti jekk huma tat-tip li normalment jintużaw fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhix vinkolanti meta dawn il-materjali jew kontenituri tal-ippakkjar jidhru biċ-ċar li huma xierqa għall-użu repetittiv.

6. Għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subintestaturi ta' intestatura għandha tiġi stabbilita skont it-termini ta' dawk is-subintestaturi u kwalunkwe noti tas-subintestatua relatati u, *mutatis mutandis* skont ir-regoli ta' hawn fuq, bil-kundizzjoni li s-subintestaturi fl-istess livell biss ikunu komparabbli. Għall-finijiet ta' din ir-regola, it-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitolu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw id-dazji

1. Id-dazji doganali applikabbli għal oġġetti importati li joriġinaw minn pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), jew li magħhom l-Unjoni Ewropea tkun laħqet ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tan-nazzjon l-iktar iffavorit, għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murija fil-kolonna 3 tal-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmijin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

   Ir-rati tad-dazju konvenzjonali murija fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027.

   Meta r-rati tad-dazju awtonomu jkunu inqas mir-rati tad-dazju konvenzjonali, japplikaw id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota f'qiegħ il-paġna.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn jiġu previsti dazji doganali awtonomi speċjali fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw f'ċertu pajjiżi jew fejn dazji doganali preferenzjali japplikaw skont ftehimiet fis-seħħ.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji doganali għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.

4. Id-dazji mniżżlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.

5. Is-simbolu "EA" jindika li l-oġġetti kkonċernati huma intaxxabbli b' "komponent agrikolu", stabbilit skont l-Anness 1.

6. Is-simbolu "AD S/Z" jew "AD F/M" fil-Kapitoli 17 sa 19 jindika li r-rata massima tad-dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* flimkien ma' dazju addizzjonali għal ċerti forom ta' zokkor jew għad-dqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness 1.

7. Fil-Kapitolu 22, is-simbolu "€/% vol/hl" ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun ikkalkolat għal kull perċentwal ta' volum ta' alkoħol kull ettolitru. B'hekk, xarba li jkollha kontenut ta' alkoħol skont il-volum ta' 40 % tkun intaxxata kif ġej:

   — "€ 1/% vol/hl" = € 1 × 40, li jagħti dazju ta' € 40 għal kull ettolitru, jew

   — "€ 1/% vol/hl + € 5/hl" = € 1 × 40 biż-żieda ta' € 5, li jagħti dazju ta' € 45 għal kull ettolitru.

   Fejn, apparti minn dan, jidher valur minimu (MIN), eż. "€ 1,6/% vol/hl MIN € 9/hl", dan ifisser li d-dazju, ikkalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, eż. "€ 9/hl", u għandu jkun applikat l-ogħla mit-tnejn.

([1]) It-termini "materjali tal-ippakkjar" u "kontenituri tal-ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri, holders, sarr jew irfid — esterni jew interni — għajr l-apparat għat-trasport (eż. containers tat-trasport), it-tarpolini, it-taljoli jew tagħmir tat-trasport anċillari. It-terminu "kontenituri tal-ippakkjar" ma jkoprix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

8. Meta fil-Kapitoli 17 sa 19 u 21 jidher valur massimu (MAX), eż. "(9 + EA) MAX (24,2 + AD S/Z)", dan ifisser li d-dazju kkalkolat biż-żieda ta' 9 % u "l-komponent agrikolu" (EA) ma għandhomx jaqbżu s-somma ta' 24,2 % u d-dazju addizzjonali fuq iz-zokkor ("AD S/Z").

C. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma' valur doganali għandhom ikunu applikati biex jiġi deċiż, apparti l-valur għall-kalkolu ta' dazji doganali *ad valorem*, il-valuri li b'referenza għalihom jiġi ddefinit l-iskop ta' ċerti intestaturi jew subintestaturi.

2. Il-piż dazjabbli, fil-każ ta' oġġetti intaxxabbli skont il-piż, u l-piżijiet li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti intestaturi jew subintestaturi huwa definit, għandu jitqies li huwa:

   (a) fil-każ ta' referenza għal "piż gross", il-piż aggregat tal-oġġetti u tal-materjali ta' ppakkjar u l-kontenituri ta' ppakkjar kollha;

   (b) fil-każ ta' referenza għal "piż nett" jew sempliċement "piż" mingħajr kwalifika, il-piż tal-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta' ppakkjar jew kontenituri ta' ppakkjar ta' kwalunkwe tip.

3. L-ekwivalenti tal-euro fil-muniti nazzjonali, għall-Istati Membri għajr dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw skont kif inhu ddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 [1] (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri mhux parteċipanti"), għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. Oġġetti eliġibbli għal trattament tariffarju favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:

   Fejn id-dazju tal-importazzjoni applikabbli skont l-arranġamenti tal-użu finali, għall-oġġetti għal użu finali speċifiku ma jkunx inqas minn dak li normalment kien ikun japplika għal dawn l-oġġetti, l-oġġetti għandhom jiġu kklassifikati fil-kodiċi li jirreferi għall-użu finali u ma għandux japplika l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

[1] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1998/974/oj.

[2] ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni

1. Id-dazji doganali għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f'vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn elenkati fl-iskeda li ġejja, għall-finijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi biex jitwaħħlu fuq vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn u jattrezzawhom.

2. Id-dazji doganali għandhom ikunu sospiżi għal:

(a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:

(1) fissi, tas-subintestatura ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew

(2) li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli, tas-subintestatura 8905 20,

għall-finijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi għall-attrezzar tal-imsemmijin pjattaformi.

Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-magni, lubrifikanti u gass, li huma meħtieġa għat-tħaddim ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentament, u li mhumiex partijiet integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manuntenzjoni, għall-konverżjoni jew għall-attrezzar ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu wkoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni;

(b) tubi, pajpijiet, kejbils, u l-parts ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqdu dawn il-pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni mal-art prinċipali.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	**Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskursjonijiet, ferry-boats, bastimenti tat-tagħbija, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti**
8901 10	– **Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskursjonijiet u bastimenti simili prinċipalment iddisinjati għat-trasport ta' persuni; ferry-boats ta' kull tip**
8901 10 10	–– Tal-baħar
8901 20	– **Tankers**
8901 20 10	–– Tal-baħar
8901 30	– **Bastimenti friġġ, għajr dawk tas-subintestatura 8901 20**
8901 30 10	–– Tal-baħar
8901 90	– **Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti**
8901 90 10	–– Tal-baħar
8902 00	**Bastimenti tas-sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għall-ipproċessar jew l-ippreservar ta' prodotti tas-sajd**
8902 00 10	– Tal-baħar

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8903	**Jottijiet u bastimenti oħrajn għad-divertiment jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri**
	– Dgħajjes tal-qlugħ, għajr dawk li jistgħu jintefħu, b'mutur awżiljarju jew mingħajru
8903 22	**–– Ta' tul li jaqbeż is-7,5 m iżda li ma jaqbiżx l-24 m**
8903 22 10	––– Tal-baħar
8903 23	**–– Ta' tul li jaqbeż l-24 m**
8903 23 10	––– Tal-baħar
	– Dgħajjes bil-mutur, għajr dawk li jistgħu jintefħu, mhux inklużi d-dgħajjes bil-mutur outboard
8903 32	**–– Ta' tul li jaqbeż is-7,5 m iżda li ma jaqbiżx l-24 m**
8903 32 10	––– Tal-baħar
8903 33	**–– Ta' tul li jaqbeż l-24 m**
8903 33 10	––– Tal-baħar
8904 00	**Laneċ tal-irmonk u mezzi li jimbuttaw**
8904 00 10	– Laneċ tal-irmonk
	– Mezzi li jimbuttaw
8904 00 91	–– Tal-baħar
8905	**Bastimenti ħfief, fire-floats, ħammiela, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-kundizzjoni ta' tbaħħir tagħhom hija sekondarja għall-funzjoni prinċipali tagħhom; floating docks; pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli**
8905 10	**– Ħammiela**
8905 10 10	–– Tal-baħar
8905 90	**– Oħrajn**
8905 90 10	–– Tal-baħar
8906	**Bastimenti oħrajn, inkluż bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-sopravivenza, għajr dgħajjes tal-qdif**
8906 10 00	**– Bastimenti tal-gwerra**
8906 90	**– Oħrajn**
8906 90 10	–– Tal-baħar

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontroll doganali tal-użu ta' oġġetti bħal dawn.

B. Inġenji tal-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili

1. Eżenzjoni mid-dazju doganali hija maħsuba għal:

— inġenji tal-ajru ċivili,

— ċerti oġġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,

— inġenji fuq l-art għat-taħriġ fit-titjir u l-parts tagħhom, għall-użu ċivili.

Dawn l-oġġetti huma koperti mill-intestaturi u s-subintestaturi elenkati fit-tabelli fil-paragrafu 5.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiż, "inġenji tal-ajru ċivili" tfisser inġenji tal-ajru minbarra mezzi tal-ajru użati f'servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni "għal użu f'inġenji tal-ajru ċivili" għandha tinkludi oġġetti li jintużaw f'inġenji fuq l-art għat-taħriġ fit-titjir għall-użu ċivili.

4. L-eżenzjoni mid-dazji doganali hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontroll doganali tal-użu ta' dawn il-prodotti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013).

Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn l-inġenji tal-ajru li jaqgħu taħt is-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40 jkunu ddaħħlu kif suppost f'reġistru ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti.

Id-dispożizzjonijiet tal-punt C.4. tat-Taqsima I – Regoli Ġenerali, tad-Dispożizzjonijiet Preliminari tan-NM għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

5. L-oġġetti li huma eliġibbli għal din l-eżenzjoni mid-dazji doganali huma koperti b'dawn l-intestaturi jew subintestaturi li ġejjin:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 32, 8421 39, 8424 10, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8518 10, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81, 8521 10, 8526, 8528 52, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8806 10, 8806 21, 8806 22, 8806 23, 8806 24, 8806 29, 8806 91, 8806 92, 8806 93, 8806 94, 8806 99, 8807 10, 8807 20, 8807 30, 8807 90, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9025, 9029 20 38, 9030 31, 9030 33, 9030 89, 9032, 9104.

Għas-subintestaturi li ġejjin, l-eżenzjoni mid-dazju doganali għall-użu tal-inġenji tal-ajru ċivili tingħata biss lill-oġġetti deskritti fil-kolonna 2:

Subintestatura	**Deskrizzjoni**
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 00, 3917 31, 3917 33, 3917 39 00, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'fittings imwaħħlin
4008 29	Forom profilati, maqtugħin għall-qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	Għall-użi tekniċi
4504 90	Gaskets, washers u siġilli oħrajn
6812 80	Għajr ħwejjeġ, aċċessorji ta' ħwejjeġ, xedd is-saqajn u xedd ir-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal tal-gaskets tal-fibri tal-asbestos ikkompressat, f'folji jew rombli
6812 99	Għajr karta, kartun qawwi, feltru; għajr materjal tal-gaskets tal-fibri tal-asbestos ikkompressat, f'folji jew rombli
6813 20, 6813 81, 6813 89	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7322 90	Heaters tal-arja u distributuri ta' arja sħuna (ħlief il-parts tagħhom)

7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief il-parts tagħhom)
7608 10, 7608 20	Bil-fittings imwaħħlin, tajbin għat-trażmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpijiet, bil-fittings imwaħħlin, tajbin għat-trażmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni tal-arja kundizzjonata tas-subintestatura 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Parts ta' skambjaturi tas-sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi; attwaturi mekkaniċi għat-thrust reversers; unitajiet tat-toilet maħdumin apposta; umidifikaturi u deumidifikaturi tal-arja; servomekkaniżmi, mhux elettriċi; muturi tal-istarter mhux elettriċi; starters pnewmatiċi għat-turbojets, turbopropellers u turbini oħrajn tal-gass; windscreen wipers, mhux elettriċi; regolaturi tal-iskrejjen, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	B'output li jaqbeż is-735 W iżda li ma jaqbiżx il-150 kW
8501 31	B'output li jaqbeż is-735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi b'output li ma jaqbiżx il-150 kW u ġeneraturi
8501 34	Ġeneraturi, b'output li jaqbeż it-375 kW
8501 51	B'output li jaqbeż is-735 W
8501 53	B'output li ma jaqbiżx il-150 kW
8501 72	B'output li jaqbeż is-735 W
8501 80	B'output li ma jaqbiżx il-750 kW
8516 80 20	Assemblat biss b'bobina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tneħħija tas-silġ
8522 90	Assemblaġġi u subassemblaġġi magħmulin minn żewġ parts jew biċċiet jew iktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8519 81
8529 90	Assemblaġġi u subassemblaġġi magħmulin minn żewġ parts jew biċċiet jew iktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8526
8536 70	Konnetturi tal-plastik użati għall-fibra ottika, faxex jew kejbils ta' fibri ottiċi
8543 70 90	Synchros u trasdutturi elettriċi, defrosters u demisters b'reżisturi elettriċi
9020 00	Eskluży l-parts
9029 10	Kuntjaturi elettroniċi jew elettroniċi tar-rivoluzzjonijiet
9029 90	Ta' kuntjaturi tar-rivoluzzjonijiet, indikaturi tal-veloċità u takometri
9109 10, 9109 90	Ta' wisa' jew dijametru li ma jaqbiżx il-50 mm
9405 11, 9405 19, 9405 61, 9405 69	Tal-plastik jew ta' metall komuni
9405 92, 9405 99	Tal-oġġetti tas-subintestatura 9405 11, 9405 19, 9405 61 jew 9405 69, tal-plastik jew ta' metall komuni

6. L-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 5 qegħdin integrati fit-TARIC skont is-subintestaturi b'referenza f'qiegħ il-paġna kif ġej: "L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013)".

Madankollu, għas-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, ir-referenza tan-nota ta' qiegħ il-paġna tgħid:

"L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013). Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn l-inġenji tal-ajru ċivili jkunu ddaħħlu kif suppost f'reġistru ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti."

C. Prodotti Farmaċewtiċi

1. Eżenzjoni mid-dazju doganali hija maħsuba għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

(1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-*international non-proprietary names* (INNs) elenkati fl-Anness 3;

(2) imlieħ, esteri u idrati ta' INN li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati INN tal-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi tal-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu kklassifikati fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN rilevanti;

(3) imlieħ, esteri u idrati ta' INN li huma elenkati fl-Anness 5 u li mhumiex klassifikabbli fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN korrispondenti;

(4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri komposti ta' tip użati fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-ismijiet kimiċi, elenkati fl-Anness 6.

2. Każijiet speċjali:

(1) INNs li jkopru biss dawk is-sustanzi deskritti fil-listi ta' INNs rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħa (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn INN huwa inqas minn dak kopert mis-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-INN biss għandhom ikunu soġġetti għal trattament mingħajr dazju;

(2) fejn prodott tal-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN li jikkorrispondi għal *isomer* speċifiku, dak l-*isomer* biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju;

(3) derivattivi doppji (imlieħ, esteri u idrati) ta' INNs identifikati permezz ta' kombinament ta' INN tal-Anness 3 ma' prefiss jew suffiss tal-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu kklassifikabbli fl-istess subintestatura SA b'sitt numri bħall-INN rilevanti:

eżempju: ester metiliku tal-alanina, idroklorur;

(4) fejn INN tal-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor tal-aċidu li jikkorrispondi mal-INN ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

eżempju: potassju oxprenoat (INN): eżenti mid-dazju

sodju oxprenoat: mhux eżenti mid-dazju.

(5) meta għal prodott tal-Anness 3 jew tal-Anness 6 ma jkunx hemm indikat CAS RN (numru 0-00-0), id-denominazzjoni internazzjonali komuni (INN, international non-proprietary name) jew id-denominazzjoni kimika elenkata hija biżżejjed għal trattament ħieles mid-dazju.

D. Rata standard tad-dazju

1. Id-dazju doganali għandu jiġi impost bir-rata fissa ta' 2,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

   — li jkunu f'kunsinni mibgħuta minn individwu privat lil ieħor, jew

   — li jkunu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi,

   sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

   Dan id-dazju doganali b'rata fissa ta' 2,5 % għandu japplika sakemm il-valur intrinsiku tal-oġġetti soġġetti għal dazji tal-importazzjoni ma jaqbiżx is-€ 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

   Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li għalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija "eżenti" u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsenja jew f'bagalji personali tal-passiġġieri f'ammonti li jeċċedu dawk elenkati fl-Artikolu 27 jew skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ([1]).

2. L-importazzjonijiet għandhom jitqiesu li mhumiex ta' natura kummerċjali jekk:

   (a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħuta minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

      — ikunu ta' natura okkażjonali,

      — ikun fihom oġġetti esklużivament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li min-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interess kummerċjali,

      — jintbagħtu lid-destinatarju mill-konsenjatur mingħajr ebda tip ta' ħlas;

   (b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagalji personali tal-vjaġġaturi:

      — ikunu ta' natura okkażjonali u

      — ikunu jikkonsistu esklużivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn ma għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa tad-dazju doganali ma għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata qabel ma ġiet applikata għalihom ir-rata fissa msemmija tkun talbet biex huma jkunu soġġetti għal dazji doganali kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu soġġetti għad-dazji tal-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skont l-Artikoli 25 sa 27 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

   Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, dazji tal-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji doganali u taxxi li għandhom effett ekwivalenti, kif ukoll taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skont il-politika komuni agrikola jew skont arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Il-Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 700.

5. L-Istati Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu l-ekwivalenti tas-somma ta' EUR 700 fil-munita nazzjonali mingħajr ma ssir konverżjoni jekk fil-ħin tal-aġġustament annwali stipulat fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel ma jsir aġġustament taċ-ċifra għad-dritt, kif stipulat fil-paragrafu 4, tirriżulta f'konverżjoni ta' inqas minn 5 % tas-somma ekwivalenti fil-munita nazzjonali, jew fi tnaqqis tagħha.

([1]) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1186/oj.

E. Kontenituri u materjali tal-ippakkjar

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5 (a) u (b) u mqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li jkollhom fihom jew li jkunu ppreżentati magħhom.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar ikunu kklassifikati mal-oġġetti skont id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, dawn għandhom:

   (a) iħallsu l-istess rata ta' dazju doganali bħall-oġġetti:

   — meta oġġetti bħal dawn huma soġġetti għal dazju doganali *ad valorem*, jew

   — meta għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabbli tal-oġġetti;

   (b) jiddaħħlu mingħajr dazji doganali:

   — meta l-oġġetti jkunu mingħajr dazju doganali, jew

   — meta l-oġġetti huma taxxabbli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew

   — meta l-piż tal-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar ma jkunx irid jiġi inkluż fil-piż taxxabbli tal-oġġetti.

2. Fejn il-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu ppreżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar għandhom, bil-għan li jkun iddeterminat il-piż jew il-valur taxxabbli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' dawk l-oġġetti.

F. Trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tal-oġġetti

1. B'ċerti kundizzjonijiet, trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tal-oġġetti huwa maħsub għal:

   — oġġetti mhux tajbin għall-konsum,

   — żrieragħ,

   — drapp tal-għarbil, mhux ikkonfezzjonat,

   — ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

   Dawn l-oġġetti huma koperti bis-subintestaturi ([1]) b'nota ta' referenza fil-qiegħ li tgħid hekk: "Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari." jew "Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa soġġett għall-konformità mal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari".

([1]) Is-subintestaturi u l-Kodiċijiet TARIC ikkonċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 91 10, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 18, 1006 10 10, 1007 10 10, 1106 20 10, 1201 10 00, 1202 30 00, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 21 00, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 20, 2401 10 35, 2401 10 85, 2401 10 95, 2401 20 35, 2401 20 85, 2401 20 95, 2501 00 51, 3102 50 00 10, 3105 90 20 10, 3105 90 80 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tagħhom huma elenkati fl-Anness 8 b'referenza għall-intestatura li fiha huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu mhux tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u d-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġenju u s-separazzjoni tagħhom ma tkunx ekonomikament vijabbli.

3. L-oġġetti elenkati hawn taħt għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi xierqa għaż-żerriegħa jew għaż-żrigħ, sakemm l-oġġetti jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea:

   — għall-qamħirrum ħelu, spelt, qamħirrum ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ([1])),

   — għall-patata taż-żrigħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ([2])),

   — għaż-żrieragħ żejtnija u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ([3])).

   Meta qamħirrum ħelu ibridu, spelt, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żrieragħ żejtnija u frott żejtni jkunu ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma fil-fatt maħsuba għaż-żrigħ.

4. Drapp tal-għarbil, mhux ikkonfezzjonat, għandu jingħata trattament tariffarju favorevoli bil-kundizzjoni li l-oġġetti issirilhom marka, li żgur ma titħassarx, li tidentifikahom li huma maħsuba għall-għarbil jew għal finijiet simili industrijali.

5. L-għeneb tal-mejda frisk, it-tabakk u n-nitrat jingħataw trattament tariffarju favorevoli meta jiġi ppreżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu fl-Anness 9.

([1]) ĠU P 125, 11.7.1966, p. 2309, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1966/402/oj.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/56/oj.
([3]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/57/oj.

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda li jkopru oġġetti differenti
AD F/M	Dazju addizzjonali fuq id-dqiq
AD S/Z	Dazju addizzjonali fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun flask
cm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Euro
INN	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju
INNM	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju Modifikat
ISO	Organizazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogrammi, grossi
kg/net	Kilogrammi, netti
kg/net eda	Kilogrammi piż nett imqattar
(2) Mal-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, l-unità supplimentari applikata hija t. CO_2.

TAQSIMA VII

PLASTIK U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU; LASTIKU U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU

Noti

1. Oġġetti ppreżentati f'settijiet magħmulin minn żewġ kostitwenti jew iktar, li uħud minnhom jew kollha jaqgħu f'din it-taqsima u huma intiżi biex jitħalltu flimkien biex jinkiseb il-prodott tat-taqsima VI jew VII, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura xierqa għal dak il-prodott sakemm il-kostitwenti huma:

   (a) meta jitqies il-mod li fih huma ppreżentati, identifikabbli biċ-ċar li jkunu intiżi biex jintużaw flimkien mingħajr ma jkunu l-ewwel ippakkjati mill-ġdid;

   (b) ippreżentati flimkien; u

   (c) identifikabbli, jew minħabba n-natura tagħhom jew minħabba l-proporzjonijiet relattivi li jinsabu fihom, li huma kumplimentari għal xulxin.

2. Ħlief għall-oġġetti tal-intestatura 3918 jew 3919, il-plastik, il-lastiku u l-oġġetti magħmula minnhom, stampati b'motifi, karattri jew rappreżentazzjonijiet bl-istampi, li mhumiex biss sussidjarji għall-użu ewlieni tal-oġġetti, jaqgħu fil-Kapitolu 49.

KAPITOLU 39

PLASTIK U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU

Noti

1. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "plastik" tfisser dawk il-materjali tal-intestaturi 3901 sa 3914 li huma jew li kienu kapaċi, jew waqt il-polimerizzazzjoni inkella waqt xi stadju sussegwenti, ikunu ffurmati taħt influwenza esterna (spiss sħana jew pressjoni, jekk meħtieġ b'solvent jew plastifikant) bix-xogħol bil-mol, bl-iffondar, bl-estrużjoni, bl-irrumblar jew bi proċess ieħor f'forom li jibqgħu wara t-tneħħija tal-influwenza esterna.

   Fin-nomenklatura, kwalunkwe referenza għall-"plastik" tinkludi wkoll il-fibri vulkanizzati. Madankollu, l-espressjoni ma tapplikax għall-materjali meqjusin bħala materjali tessili tat-Taqsima XI.

2. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) preparati lubrikanti tal-intestatura 2710 jew 3403;

   (b) xemgħat tal-intestatura 2712 jew 3404;

   (c) komposti organiċi separati definiti kimikament (il-Kapitolu 29);

   (d) eparina jew l-imlieħ tagħha (l-intestatura 3001);

   (e) soluzzjonijiet (għajr il-kollodji) li jikkonsistu minn kwalunkwe wieħed mill-prodotti speċifikati fl-intestaturi 3901 sa 3913 f'solventi organiċi volatili fejn il-piż tas-solvent jaqbeż il-50 % tal-piż tas-soluzzjoni (l-intestatura 3208); fojls tal-istampar tal-intestatura 3212;

   (f) aġenti tensjoattivi organiċi jew preparati tal-intestatura 3402;

(g) run gums jew il-gomom esteri (l-intestatura 3806);

(h) addittivi ppreparati għaż-żjut minerali (inkluż il-gażolina) jew għal likwidi oħra li jintużaw għall-istess finijiet bħaż-żjut minerali (l-intestatura 3811);

(ij) fluwidi idrawliċi ppreparati bbażati fuq il-poliglikoli, is-silikoni jew polimeri oħra tal-Kapitolu 39 (l-intestatura 3819);

(k) reaġenti dijanjostiċi jew tal-laboratorju fuq rifda tal-plastik (l-intestatura 3822);

(l) lastiku sintetiku, kif definit għall-finijiet tal-Kapitolu 40, jew l-oġġetti magħmula minnu;

(m) oġġetti tas-sarraġ jew xedd (l-intestatura 4201) jew bagolli, valiġġi, handbags jew kontenituri oħrajn tal-intestatura 4202;

(n) dfur, xogħol tal-qasab jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 46;

(o) kisi tal-ħitan tal-intestatura 4814;

(p) oġġetti tat-Taqsima XI (tessuti u oġġetti tessili);

(q) oġġetti tat-Taqsima XII (eż. xedd is-saqajn, xedd ir-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, frosti, frostini jew parts tagħhom);

(r) biġotterija tal-intestatura 7117;

(s) oġġetti tat-Taqsima XVI (magni u apparti mekkaniċi jew elettriċi);

(t) parts tal-inġenji tal-ajru jew tal-vetturi tat-Taqsima XVII;

(u) oġġetti tal-Kapitolu 90 (eż. elementi ottiċi, frames tan-nuċċalijiet, strumenti tad-disinn);

(v) oġġetti tal-Kapitolu 91 (eż. cases għall-arloġġi u cases għall-arloġġi tal-idejn);

(w) oġġetti tal-Kapitolu 92 (eż. strumenti mużikali jew parts tagħhom);

(x) oġġetti tal-Kapitolu 94 (eż. għamara, luminarji u l-fittings tat-tidwil, sinjali mdawlin, bini prefabbrikat);

(y) oġġetti tal-Kapitolu 95 (eż. ġugarelli, logħob, oġġetti għall-isports); jew

(z) oġġetti tal-Kapitolu 96 (eż. xkupilji, buttuni, żippijiet, pettnijiet, biċċiet tal-ħalq jew qasab għall-pipi tat-tipjip, bokkini tas-sigaretti jew bħalhom, parts tal-vacuum flasks jew bħalhom, pinen, lapsijiet mekkaniċi, u monopiedi, bipiedi, trepiedi u oġġetti simili).

3. L-intestaturi 3901 sa 3911 japplikaw biss għall-oġġetti li jiġu prodotti b'sinteżi kimika, li jaqgħu f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

(a) poliolefini likwidi sintetiċi li minnhom inqas minn 60 % skont il-volum jiddistilla fi 300 °C, wara konverżjoni għal 1 013 mbar meta jintuża metodu ta' distillazzjoni bi pressjoni ridotta (l-intestaturi 3901 u 3902);

(b) rażi, mhux polimerizzati ħafna, tat-tip coumarone-indene (l-intestatura 3911);

(c) polimeri sintetiċi oħrajn b'medja ta' mill-inqas ħames unitajiet ta' monomeri;

(d) silikoni (l-intestatura 3910);

(e) resoli (l-intestatura 3909) u prepolimeri oħrajn.

4. L-espressjoni "kopolimeri" tkopri l-polimeri kollha li fihom ebda unità ta' monomeri waħda ma tikkontribwixxi 95 % jew iktar skont il-piż għall-kontenut totali ta' polimeri.

Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu, ħlief meta l-kuntest jeħtieġ mod ieħor, il-kopolimeri (inkluż il-kopolikondensati, il-prodotti tal-kopoliaddizzjoni, il-kopolimeri blokki u il-kopolimeri għat-tilqim) u l-amalgami tal-polimeri għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura li tkopri l-polimeri ta' dik l-unità ta' komonomeri li tippredomina skont il-piż fuq kull unità ta' komonomeri oħra waħedha. Għall-finijiet ta' din in-nota, l-unitajiet ta' komonomeri kostitwenti tal-polimeri li jaqgħu fl-istess intestatura għandhom jittieħdu flimkien.

Jekk ebda unità ta' komonomeri waħedha ma tippredomina, l-amalgami tal-kopolimeri jew tal-polimeri, skont il-każ, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jistħoqqu kunsiderazzjoni ndaqs.

5. Il-polimeri modifikati kimikament, jiġifieri dawk li fihom inbidlu biss iż-żjidiet għall-katina prinċipali tal-polimeru permezz ta' reazzjoni kimika, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura x-xierqa għall-polimeru mhux modifikat. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-kopolimeri għat-tilqim.

6. Fl-intestaturi 3901 sa 3914, l-espressjoni "forom primarji" tapplika biss għal dawn il-forom li ġejjin:

(a) likwidi u pastes, inkluż id-dispersjonijiet (emulsjonijiet u sospensjonijiet) u s-soluzzjonijiet;

(b) blokok ta' forma irregolari, ċapep, trabijiet (inkluż it-trabijiet tax-xogħol bil-mol), granuli, fjokki u mases mhux koerenti simili.

7. L-intestatura 3915 ma tapplikax għall-iskart, għall-qtugħ u għal-laqx ta' materjal termoplastiku wieħed, trasformat f'forom primarji (l-intestaturi 3901 sa 3914).

8. Għall-finijiet tal-intestatura 3917, l-espressjoni "tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli" tfisser prodotti vojta minn ġewwa, kemm jekk ikunu prodotti semimanifatturati u kemm jekk ikunu prodotti lesti, li ġeneralment jintużaw biex iwasslu, jidderieġu jew iqassmu l-gassijiet jew il-likwidi (eż. il-pajpijiet flessibbli b'linji mqabbża tal-ġonna, it-tubi perforati). Din l-espressjoni tinkludi wkoll il-budellati u tubi oħrajn li joqogħdu ċatti. Madankollu, ħlief għal dawn tal-aħħar, dawk li jkollhom sezzjoni trasversali interna, li ma tkunx tonda, ovali, rettangolari (fejn it-tul ma jkunx jaqbeż darba u nofs il-wisa') jew fil-forma ta' poligonu regolari ma għandhomx jitqiesu bħala tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli iżda bħala forom profilati.

9. Għall-finijiet tal-intestatura 3918, l-espressjoni "kisi tal-plastik għall-ħajt jew għas-saqaf" tapplika għall-prodotti f'rombli, ta' wisa' mhux inqas minn 45 cm, tajbin għat-tiżjin tal-ħajt jew tas-saqaf, li jikkonsistu fi plastik imwaħħal b'mod permanenti fuq rifda ta' kwalunkwe materjal għajr il-karta, meta l-kisja tal-plastik (in-naħa ta' fuq) tkun granulata, intaljata, ikkulurita, stampata b'disinn jew imżejna mod ieħor.

10. Fl-intestaturi 3920 u 3921, l-espressjoni "pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi" tapplika biss għall-pjanċi, għall-folji, għar-riti, għall-fojls u għall-istrixxi (għajr dawk tal-Kapitolu 54) u għall-blokok ta' forma ġeometrika regolari, kemm jekk stampati jew bis-superfiċje maħduma mod ieħor u kemm jekk le, mhux maqtugħin jew maqtugħin f'rettangoli (inkluż kwadri) iżda mhux maħdumin ulterjorment (anki jekk meta jinqatgħu b'dan il-mod isiru oġġetti lesti għall-użu).

11. L-intestatura 3925 tapplika biss għal dawn l-oġġetti li ġejjin, li mhumiex prodotti koperti minn kwalunkwe intestatura preċedenti tas-Subkapitolu II:

(a) ġibjuni, tankijiet (inkluż tankijiet settiċi), btieti u kontenituri simili, b'kapaċità li taqbeż it-300 litru;

(b) elementi strutturali li jintużaw, eż. fl-artijiet, fil-ħitan jew fid-diviżorji, fis-soqfa jew fil-bjut;

(c) gutters u fittings għalihom;

(d) bibien, twieqi u xambrelli tagħhom u sollijiet għall-bibien;

(e) gallariji, balavostri, reċinti, xtiebi u barrieri simili;

(f) shutters, blinds (inkluż venetian blinds) u oġġetti simili u parts u fittings tagħhom;

(g) xkaffar fuq skala kbira għall-immuntar u għall-installazzjoni permanenti, eż. fil-ħwienet, fil-workshops, fl-imħażen;

(h) karatteristiki arkitettoniċi ornamentali, eż. skanalaturi, koppli ċkejknin, barumbari; u

(ij) fittings u montaturi intiżi għall-installazzjoni permanenti ġo jew fuq il-bibien, it-twieqi, it-turġien, il-ħitan jew parts oħrajn fil-binjiet, eż. pumi, manek, ganċijiet, brackets, rails għax-xugamani, pjanċi tas-swiċċijiet u pjanċi protettivi oħrajn.

Noti tas-subintestatura

1. Ġo kwalunkwe intestatura waħda ta' dan il-kapitolu, il-polimeri (inkluż il-kopolimeri) u l-polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati skont dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn hemm subintestatura bl-isem "Oħrajn" fl-istess serje:

(1) id-dežinjazzjoni f'subintestatura ta' polimeru bil-prefiss "poli" (eż. il-polietilen u il-poliammid-6,6) tfisser li l-unità ta' monomeri jew l-unitajiet ta' monomeri kostitwenti tal-polimeru msemmi meħudin flimkien għandhom jikkontribwixxu 95 % jew iktar skont il-piż tal-kontenut totali ta' polimeri;

(2) il-kopolimeri msemmijin fis-subintestaturi 3901 30, 3901 40, 3903 20, 3903 30 u 3904 30 għandhom ikunu kklassifikati f'dawk is-subintestaturi, sakemm l-unitajiet ta' komonomer tal-imsemmijin kopolimeri jikkontribwixxu 95 % jew iktar skont il-piż tal-kontenut kollu ta' polimeri;

(3) il-polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati fis-subintestatura msemmija "Oħrajn", sakemm il-polimeri modifikati kimikament mhumiex koperti b'mod iktar speċifiku b'subintestatura oħra;

(4) il-polimeri li ma jissodisfawx il-punti (1), (2) jew (3) ta' hawn fuq, għandhom ikunu kklassifikati fost is-subintestaturi li jifdal fis-serje, li jkopru l-polimeri ta' dik l-unità ta' monomeri li tippredomina skont il-piż fuq kull unità oħra ta' komonomeri waħedha. Għal dan il-għan, l-unitajiet ta' monomeri kostitwenti tal-polimeri li jaqgħu fl-istess subintestatura għandhom jittieħdu flimkien. L-unitajiet ta' monomeri kostitwenti tal-polimeri fis-serje tas-subintestaturi kkunsidrati biss għandhom jitqabblu;

(b) fejn ma hemmx subintestatura msemmija "Oħrajn" fl-istess serje:

(1) il-polimeri għandhom ikunu kklassifikati fis-subintestatura li tkopri il-polimeri ta' dik l-unità ta' monomeri li tippredomina skont il-piż fuq kull unità oħra ta' komonomeri waħedha. Għal dan il-għan, l-unitajiet ta' monomeri kostitwenti tal-polimeri li jaqgħu fl-istess subintestatura għandhom jittieħdu flimkien. L-unitajiet ta' monomeri kostitwenti tal-polimeri fis-serje kkunsidrata biss għandhom jitqabblu;

(2) il-polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati fis-subintestatura x-xierqa għall-polimeru mhux modifikat.

L-amalgami tal-polimeri għandhom ikunu kklassifikati fl-istess subintestatura bħall-polimeri tal-istess unitajiet ta' monomeri fl-istess proporzjonijiet.

2. Għall-finijiet tas-subintestatura 3920 43, it-terminu "plastifikanti" jinkludi l-plastifikanti sekondarji.

Nota addizzjonali

1. *Fejn id-drappijiet minsuġin, innitjati jew maħdumin bil-ganċ, il-feltru jew id-drappijiet mhux minsuġin huma ppreżentati biss għall-finijiet ta' rinforz, l-ingwanti, il-mittens jew il-moffoli imprenjati, miksija jew mgħottija bil-plastik ċellulari, jaqgħu taħt il-Kapitolu 39, anki jekk ikunu:*

   — *ikkonfezzjonati minn drappijiet minsuġin, innittjati jew maħdumin bil-ganċ (għajr dawk tal-intestatura 5903), feltru jew drappijiet mhux minsuġin imprenjati, miksija jew mgħottija bil-plastik ċellulari, jew*

   — *ikkonfezzjonati minn drappijiet minsuġin, innittjati jew maħdumin bil-ganċ, feltru jew drappijiet mhux minsuġin, li ma jkunux imprenjati, miksijin jew mgħottijin u li mbagħad jiġu imprenjati, miksija jew mgħottija bil-plastik ċellulari.*

(In-nota 3(c) tal-Kapitolu 56 u n-nota 2(a)(5) tal-Kapitolu 59).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	I. FOROM PRIMARJI		
3901	**Polimeri tal-etilen, fil-forom primarji:**		
3901 10	– **Polietilen bi gravità speċifika ta' inqas minn 0,94:**		
3901 10 10	–– Polietilen lineari	6,5	—
3901 10 90	–– Oħrajn	6,5	—
3901 20	– **Polietilen bi gravità speċifika ta' 0,94 jew iktar:**		
3901 20 10	–– Polietilen f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu, ta' gravità speċifika ta' 0,958 jew iktar fi 23 °C, li fiha: — 50 mg/kg jew inqas ta' aluminju, — 2 mg/kg jew inqas ta' kalċju, — 2 mg/kg jew inqas ta' kromu, — 2 mg/kg jew inqas ta' ħadid, — 2 mg/kg jew inqas ta' nikil, — 2 mg/kg jew inqas ta' titanju, u — 8 mg/kg jew inqas ta' vanadjugħall-manifattura tal-polietilen klorosulfonat [1]	Eżenti	—
3901 20 90	–– Oħrajn	6,5	—
3901 30 00	– **Kopolimeri tal-aċetat tal-etilen-vinil**	6,5	—
3901 40 00	– **Kopolimeri tal-etilen-alfa-olefin, li għandhom gravità speċifika ta' inqas minn 0,94**	6,5	—
3901 90	– **Oħrajn:**		
3901 90 30	–– Raża jonomera li tikkonsisti f'melħ ta' terpolimeru tal-etilen bl-akrilat tal-isobutil u aċidu metakriliku; kopolimeru bi blokk A-B-A tal-polistirene, kopolimeri tal-etilen-butilen u polistiren, li fihom skont il-piż 35 % jew inqas stiren, f'forma minn dawk imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	Eżenti	—
3901 90 80	–– Oħrajn	6,5	—
3902	**Polimeri tal-propilen jew ta' olefini oħrajn, fil-forom primarji:**		
3902 10 00	– **Polipropilen**	6,5	—
3902 20 00	– **Poliisobutilen**	6,5	—
3902 30 00	– **Kopolimeri tal-propilen**	6,5	—

[1] L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3902 90	– **Oħrajn:**		
3902 90 10	–– Kopolimeru bi blokk A-B-A tal-polistirene, kopolimeri tal-etilen-butilen u l-polistiren, li fihom skont il-piż 35 % jew inqas stiren, f'forma minn dawk imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	Eżenti	—
3902 90 20	–– Polibut-1-en, kopolimeru tal-but-1-en mal-etilen li jkun fih, skont il-piż 10 % jew inqas etilen, jew amalgamu tal-polibut-1-en mal-polietilen u/jew il-polipropilen li jkun fih, skont il-piż 10 % jew inqas polietilen u/jew 25 % jew inqas polipropilen, f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	Eżenti	—
3902 90 90	–– Oħrajn	6,5	—
3903	**Polimeri tal-istiren, fil-forom primarji:**		
	– **Polistiren:**		
3903 11 00	–– **Li jista' jespandi**	6,5	—
3903 19 00	–– **Oħrajn**	6,5	—
3903 20 00	– **Kopolimeri tal-istiren-akrilonitril (SAN)**	6,5	—
3903 30 00	– **Kopolimeri tal-akrilonitril-butadien-stiren (ABS)**	6,5	—
3903 90	– **Oħrajn:**		
3903 90 10	–– Kopolimeru, tal-istiren biss bl-alkoħol allilliku, b'valur aċetiliku ta' 175 jew iktar	Eżenti	—
3903 90 20	–– Polistiren brominat, li fih skont il-piż 58 % jew iktar iżda mhux iktar minn 71 % bromu, f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	Eżenti	—
3903 90 90	–– Oħrajn	6,5	—
3904	**Polimeri tal-klorur tal-vinil jew ta' olefini aloġenati oħrajn, fil-forom primarji:**		
3904 10 00	– **Poli(klorur tal-vinil), mhux imħallat ma' kwalunkwe sustanza oħra**	6,5	—
	– **Poli(klorur tal-vinil) ieħor:**		
3904 21 00	–– **Mhux plastiċizzat**	6,5	—
3904 22 00	–– **Plastiċizzat**	6,5	—
3904 30 00	– **Kopolimeri tal-klorur tal-vinil-aċetat tal-vinil**	6,5	—
3904 40 00	– **Kopolimeri oħrajn tal-klorur tal-vinil**	6,5	—
3904 50	– **Polimeri tal-klorur tal-viniliden:**		
3904 50 10	–– Kopolimeru tal-klorur tal-viniliden bl-akrilonitril, fil-forma ta' żibeġ li jistgħu jespandu b'dijametru ta' 4 mikrometri jew iktar iżda mhux iktar minn 20 mikrometru	Eżenti	—
3904 50 90	–– Oħrajn	6,5	—
	– **Fluworopolimeri:**		
3904 61 00	–– **Politetrafluworoetilen**	6,5	—
3904 69	–– **Oħrajn:**		
3904 69 10	––– Poli(fluworur tal-vinil), f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	Eżenti	—
3904 69 20	––– Fluworoelastomeri FKM	6,5	—
3904 69 80	––– Oħrajn	6,5	—
3904 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3905	**Polimeri tal-aċetat tal-vinil jew ta' esteri oħrajn tal-vinil, fil-forom primarji; polimeri oħrajn tal-vinil fil-forom primarji:**		
	– **Poli(aċetat tal-vinil):**		
3905 12 00	–– **F'dispersjoni milwiema**	6,5	—
3905 19 00	–– **Oħrajn**	6,5	—
	– **Kopolimeri tal-aċetat tal-vinil:**		
3905 21 00	–– **F'dispersjoni milwiema**	6,5	—
3905 29 00	–– **Oħrajn**	6,5	—
3905 30 00	– **Poli(alkoħol tal-vinil), kemm jekk fih gruppi tal-aċetat mhux idrolizzati u kemm jekk le**	6,5	—
	– **Oħrajn:**		
3905 91 00	–– **Kopolimeri**	6,5	—
3905 99	–– **Oħrajn:**		
3905 99 10	––– Poli(formal tal-vinil), f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu, ta' piż molekulari ta' 10 000 jew iktar iżda li ma jaqbiżx l-40 000 u li fih skont il-piż: — 9,5 % jew iktar iżda mhux iktar minn 13 % gruppi tal-aċetil evalwati bħala aċetat tal-vinil u — 5 % jew iktar iżda mhux iktar minn 6,5 % gruppi tal-idrossi evalwati bħala alkoħol tal-vinil	Eżenti	—
3905 99 90	––– Oħrajn	6,5	—
3906	**Polimeri akriliċi fil-forom primarji:**		
3906 10 00	– **Poli(metakrilat tal-metil)**	6,5	—
3906 90	– **Oħrajn:**		
3906 90 10	–– Poli[N-(3-idrossiimmino-1,1-dimetilbutil)akrilammid]	Eżenti	—
3906 90 20	–– Kopolimeru tal-metakrilat ta' 2-diisopropilamminoetil bil-metakrilat tad-deċil, fil-forma ta' soluzzjoni fl-*N*,*N*-dimetilaċetammid, li fih skont il-piż 55 % jew iktar kopolimeru	Eżenti	—
3906 90 30	–– Kopolimeru tal-aċidu akriliku bl-akrilat ta' 2-etileżil, li fih skont il-piż 10 % jew iktar iżda mhux iktar minn 11 % akrilat ta' 2-etileżil	Eżenti	—
3906 90 40	–– Kopolimeru tal-akrilonitril bl-akrilat tal-metil, modifikat bil-polibutadien-akrilonitril (NBR)	Eżenti	—
3906 90 50	–– Prodott tal-polimerizzazzjoni tal-aċidu akriliku bil-metakrilat tal-alkil u kwantitajiet żgħar ta' monomeri oħrajn, biex jintuża bħala sustanza li tħaxxen fil-manifattura ta' pastes għall-istampar fuq it-tessuti ([1])	Eżenti	—
3906 90 60	–– Kopolimeru tal-akrilat tal-metil mal-etilen u monomeru li fih grupp karbossi mhux terminali bħala sostitwent, li fih skont il-piż 50 % jew iktar akrilat tal-metil, kemm jekk f'kompost mas-siliċe u kemm jekk le	5	—
3906 90 90	–– Oħrajn	6,5	—
3907	**Poliaċetali, polieteri oħrajn u r-raży tal-epossidu, fil-forom primarji; il-polikarbonati, raży tal-alkid, esteri tal-poliallil u poliesteri oħrajn, fil-forom primarji:**		
3907 10 00	– **Poliaċetali**	6,5	—

([1]) L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj)).

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
	1	2	3	4
		– **Polieteri oħrajn:**		
	3907 21 00	–– **Metilfosfonat tal-bis(poliossietilen)**	6,5	—
	3907 29	–– **Oħrajn:**		
		––– Alkoħols tal-polieteri:		
	3907 29 11	–––– Glikoli tal-polietilen	6,5	—
	3907 29 20	–––– Oħrajn	6,5	—
		––– Oħrajn:		
	3907 29 91	–––– Kopolimeri tal-1-kloro-2,3-epossipropan mal-ossidu tal-etilen	Eżenti	—
	3907 29 99	–––– Oħrajn	6,5	—
	3907 30 00	– **Raži tal-epossidu**	6,5	—
	3907 40 00	– **Polikarbonati**	6,5	—
	3907 50 00	– **Raži tal-alkid**	6,5	—
		– **Poli(tereftalat tal-etilen):**		
	3907 61	–– **B'numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew iktar:**		
★	**3907 61 10**	––– Fil-forma ta' fjokki	6,5	—
★	**3907 61 90**	––– Oħrajn	6,5	—
	3907 69	–– **Oħrajn:**		
★	**3907 69 10**	––– Fil-forma ta' fjokki	6,5	—
★	**3907 69 90**	––– Oħrajn	6,5	—
	3907 70 00	– **Poli(aċidu lattiku)**	6,5	—
		– **Poliesteri oħrajn:**		
	3907 91	–– **Mhux saturati:**		
	3907 91 10	––– Likwidi	6,5	—
	3907 91 90	––– Oħrajn	6,5	—
	3907 99	–– **Oħrajn:**		
	3907 99 05	––– Kopolimeri termoplastiċi tal-kristalli likwidi abbażi tal-poliester aromatiku	Eżenti	—
	3907 99 10	––– Poli(naftalen-2,6-dikarbossilat tal-etilen)	Eżenti	—
	3907 99 80	––– Oħrajn	6,5	—
	3908	**Poliammidi fil-forom primarji:**		
	3908 10 00	– **Poliammid-6, -11, -12, - 6,6, - 6,9, - 6,10 jew - 6,12**	6,5	—
	3908 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—
	3909	**Amminoraži, raži fenoliċi u poliuretani, fil-forom primarji:**		
	3909 10 00	– **Raži tal-urea; raži tat-tijourea**	6,5	—
	3909 20 00	– **Raži tal-melammina**	6,5	—
		– **Amminoraži oħrajn:**		
	3909 31 00	–– **Poli(isoċjanat tal-fenil tal-metilen) (MDI grezz, MDI polimeriku)**	6,5	—
	3909 39 00	–– **Oħrajn**	6,5	—
	3909 40 00	– **Raži fenoliċi**	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3909 50	– **Poliuretani:**		
3909 50 10	–– Poliuretan ta' 2,2′-(*terz*-butilimmino)dietanol u d-diisoċjanat ta' 4,4′-metilendiċikloeżil, fil-forma ta' soluzzjoni fin-*N*,*N*-dimetilaċetammid, li fih skont il-piż 50 % jew iktar polimeru	Eżenti	—
3909 50 90	–– Oħrajn	6,5	—
3910 00 00	**Silikoni fil-forom primarji**	6,5	—
3911	**Rażi tal-petroleum, rażi coumarone-indene, politerpeni, polisulfidi, polisulfoni u prodotti oħrajn speċifikati fin-nota 3 ta' dan il-kapitolu, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, fil-forom primarji:**		
3911 10 00	– **Rażi tal-petroleum, rażi coumarone, indene jew coumarone-indene u politerpeni**	6,5	—
3911 20 00	– **Poli(1,3-phenylene metilfosfonat)**	6,5	—
3911 90	– **Oħrajn:**		
	–– Prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' kondensazzjoni jew ta' riarranġament, kemm jekk modifikati kimikament u kemm jekk le:		
3911 90 11	––– Poli(ossi-1,4-fenilensulfonil-1,4-fenilenossi-1,4-fenilenisopropiliden-1,4-fenilen), f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu	3,5	—
3911 90 13	––– Poli(tijo-1,4-fenilen)	Eżenti	—
3911 90 19	––– Oħrajn	6,5	—
	–– Oħrajn:		
3911 90 92	––– Kopolimeru tal-*p*-kresol u divinilbenżen, fil-forma ta' soluzzjoni fl-*N*,*N*-dimetilaċetammid, li fih skont il-piż 50 % jew iktar polimeru; kopolimeri idroġenati tal-viniltoluwen u l-α-metilstiren	Eżenti	—
3911 90 99	––– Oħrajn	6,5	—
3912	**Ċelluloża u derivattivi kimiċi tagħha, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, fil-forom primarji:**		
	– **Aċetati taċ-ċelluloża:**		
3912 11 00	–– **Mhux plastiċizzati**	6,5	—
3912 12 00	–– **Plastiċizzati**	6,5	—
3912 20	– **Nitrati taċ-ċelluloża (inkluż il-kollodji):**		
	–– Mhux plastiċizzati:		
3912 20 11	––– Kollodji u ċ-ċellojdina	6,5	—
3912 20 19	––– Oħrajn	6	—
3912 20 90	–– Plastiċizzati	6,5	—
	– **Eteri taċ-ċelluloża:**		
3912 31 00	–– **Karbossimetilċelluloża u l-imlieħ tagħha**	6,5	—
3912 39	–– **Oħrajn:**		
3912 39 20	––– Idrossipropilċelluloża	Eżenti	—
3912 39 85	––– Oħrajn	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3912 90	– **Oħrajn:**		
3912 90 10	–– Esteri taċ-ċelluloża	6,4	—
3912 90 90	–– Oħrajn	6,5	—
3913	**Polimeri naturali (eż. aċidu alġiniku) u polimeri naturali modifikati (eż. proteini mwebbsin, derivattivi kimiċi tal-lastiku naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, fil-forom primarji:**		
3913 10 00	– **Aċidu alġiniku, l-imlieħ u l-esteri tiegħu**	5	—
3913 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—
3914 00 00	**Skambjaturi tal-joni bbażati fuq polimeri tal-intestaturi 3901 sa 3913, fil-forom primarji**	6,5	—
	II. SKART, QTUGĦ U LAQX; PRODOTTI SEMIMANIFATTURATI; OĠĠETTI		
3915	**Skart, qtugħ u laqx, tal-plastik:**		
3915 10	– **Tal-polimeri tal-etilen:**		
3915 10 10	–– Li jkollhom gravità speċifika ta' inqas minn 0,94 (pereżempju, PE-LD)	6,5	—
3915 10 20	–– Li jkollhom gravità speċifika ta' 0,94 jew aktar (pereżempju, PE-HD)	6,5	—
3915 20 00	– **Tal-polimeri tal-istiren**	6,5	—
3915 30 00	– **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil**	6,5	—
3915 90	– **Ta' plastik ieħor:**		
3915 90 11	–– Tal-polimeri tal-propilen	6,5	—
3915 90 20	–– Ta' polimeri tal-etilentereftalat (pereżempju, PET)	6,5	—
3915 90 70	–– Oħrajn	6,5	—
3916	**Monofilament li kwalunkwe dimensjoni trasversali tiegħu tkun taqbeż il-1 mm, vireg, stikek u l-forom profilati, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le iżda li ma jkunux maħdumin mod ieħor, tal-plastik:**		
3916 10 00	– **Tal-polimeri tal-etilen**	6,5	—
3916 20 00	– **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil**	6,5	—
3916 90	– **Ta' plastik ieħor:**		
3916 90 10	–– Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' kondensazzjoni jew ta' riarranġament, kemm jekk modifikati kimikament u kemm jekk le	6,5	—
3916 90 50	–– Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' żieda	6,5	—
3916 90 90	–– Oħrajn	6,5	—
3917	**Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, u fittings għalihom (eż. ġonot, elbows, flanġijiet) tal-plastik:**		
3917 10	– **Imsaren artifiċjali (budellati) tal-proteini mwebbsa jew tal-materjali ċellulożiċi:**		
3917 10 10	–– Tal-proteini mwebbsa	5,3	—
3917 10 90	–– Tal-materjali ċellulożiċi	6,5	—
	– **Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, riġidi:**		
3917 21	–– **Tal-polimeri tal-etilen:**		
3917 21 10	––– Mingħajr weldjatura u ta' tul li jaqbeż id-dimensjoni trasversali massima, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le, iżda mhux maħdumin mod ieħor	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3917 21 90	– – – Oħrajn	6,5	—
3917 22	– – **Tal-polimeri tal-propilen:**		
3917 22 10	– – – Mingħajr weldjatura u ta' tul li jaqbeż id-dimensjoni trasversali massima, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le, iżda mhux maħdumin mod ieħor	6,5	—
3917 22 90	– – – Oħrajn	6,5	—
3917 23	– – **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil:**		
3917 23 10	– – – Mingħajr weldjatura u ta' tul li jaqbeż id-dimensjoni trasversali massima, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le, iżda mhux maħdumin mod ieħor	6,5	—
3917 23 90	– – – Oħrajn	6,5	—
3917 29 00	– – **Ta' plastik ieħor**	6,5	—
	– **Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli oħrajn:**		
3917 31 00	– – **Tubi flessibbli, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, bi pressjoni tal-fqigħ minima ta' 27,6 MPa**	6,5	—
3917 32 00	– – **Oħrajn, mhux rinfurzati jew b'xi mod ieħor ikkombinati ma' materjali oħrajn, mingħajr fittings**	6,5	—
3917 33 00	– – **Oħrajn, mhux rinfurzati jew b'xi mod ieħor ikkombinati ma' materjali oħrajn, mingħajr fittings**	6,5	—
3917 39 00	– – **Oħrajn**	6,5	—
3917 40 00	– **Fittings**	6,5	—
3918	**Kisi tal-art tal-plastik, kemm jekk ikun awtoadeżiv u kemm jekk le, f'rombli jew fil-forma ta' madum; kisi tal-ħajt jew tas-saqaf tal-plastik, kif definit fin-nota 9 ta' dan il-kapitolu:**		
3918 10	– **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil:**		
3918 10 10	– – Li jikkonsistu f'rifda imprenjata, miksija jew mgħottija bil-poli(klorur tal-vinil)	6,5	m^2
3918 10 90	– – Oħrajn	6,5	m^2
3918 90 00	– **Ta' plastik ieħor**	6,5	m^2
3919	**Pjanċi, folji, ir-riti, fojls, tapes, strixxi u forom ċatti oħrajn awtoadeżivi, tal-plastik, kemm jekk f'rombli u kemm jekk le:**		
3919 10	– **F'rombli ta' wisa' li ma taqbiżx l-20 cm:**		
	– – Strixxi, b'kisja tal-lastiku naturali jew sintetiku mhux vulkanizzat:		
3919 10 12	– – – Tal-poli(klorur tal-vinil) jew tal-polietilen	6,3	—
3919 10 15	– – – Tal-polipropilen	6,3	—
3919 10 19	– – – Oħrajn	6,3	—
3919 10 80	– – Oħrajn	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3919 90	– **Oħrajn:**		
3919 90 20	–– Pads tal-illustrar ċirkolari awtoadeżivi li jintużaw fil-manifattura tal-wafers tas-semikondutturi	Eżenti	—
3919 90 80	–– Oħrajn	6,5	—
3920	**Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik, mhux ċellulari u mhux rinfurzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn:**		
3920 10	– **Tal-polimeri tal-etilen:**		
	–– Ta' ħxuna li ma taqbiżx iż-0,125 mm:		
	––– Tal-polietilen bi gravità speċifika ta':		
	–––– Inqas minn 0,94:		
3920 10 23	––––– Riti tal-polietilen, ta' ħxuna ta' 20 mikrometru jew iktar iżda li ma taqbiżx l-40 mikrometru, għall-produzzjoni tar-riti fotoreżistenti li jintużaw fil-manifattura ta' semikondutturi jew ċirkwiti stampati ([1])	Eżenti	—
3920 10 24	––––– Rita li tiġġebbed, mhux stampata	6,5	—
3920 10 25	––––– Oħrajn	6,5	—
3920 10 28	–––– 0,94 jew iktar	6,5	—
3920 10 40	––– Oħrajn	6,5	—
	–– Ta' ħxuna li taqbeż iż-0,125 mm:		
3920 10 81	––– Polpa tal-karta sintetika, fil-forma ta' folji nidjin magħmulin minn fibrilli tal-polietilen imferrgħin b'mod fin mhux imqabbdin flimkien, kemm jekk amalgamati mal-fibri taċ-ċelluloża u kemm jekk le fi kwantità li ma taqbiżx il-15 %, li jkun fiha l-poli (alkoħol tal-vinil) dissolt fl-ilma bħala l-aġent li jniedi	Eżenti	—
3920 10 89	––– Oħrajn	6,5	—
3920 20	– **Tal-polimeri tal-propilen:**		
	–– Ta' ħxuna li ma taqbiżx iż-0,10 mm:		
3920 20 21	––– B'orjentament biassjali	6,5	—
3920 20 29	––– Oħrajn	6,5	—
3920 20 80	–– Ta' ħxuna li taqbeż iż-0,10 mm	6,5	—
3920 30 00	– **Tal-polimeri tal-istiren**	6,5	—
	– **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil:**		
3920 43	–– **Li fiha skont il-piż mhux inqas minn 6 % plastifikanti:**		
3920 43 10	––– Ta' ħxuna li ma taqbiżx il-1 mm	6,5	—
3920 43 90	––– Ta' ħxuna li taqbeż il-1 mm	6,5	—
3920 49	–– **Oħrajn:**		
3920 49 10	––– Ta' ħxuna li ma taqbiżx il-1 mm	6,5	—
3920 49 90	––– Ta' ħxuna li taqbeż il-1 mm	6,5	—

([1]) L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	– **Tal-polimeri akriliċi:**		
3920 51 00	–– **Tal-poli(metakrilat tal-metil)**	6,5	—
3920 59	–– **Oħrajn:**		
3920 59 10	––– Kopolimeru tal-esteri akriliċi u metakriliċi, fll-forma ta' rita ta' ħxuna li ma taqbiżx il-150 mikrometru	Eżenti	—
3920 59 90	––– Oħrajn	6,5	—
	– **Tal-polikarbonati, tar-raży alkidi, tal-esteri poliallilliċi jew poliesteri oħrajn:**		
3920 61 00	–– **Tal-polikarbonati**	6,5	—
3920 62	–– **Tal-poli(tereftalat tal-etilen):**		
	––– Ta' ħxuna li ma taqbiżx iż-0,35 mm:		
3920 62 12	–––– Riti tal-poli(tereftalat tal-etilen), ta' ħxuna ta' 72 mikrometru jew iktar iżda li ma taqbiżx id-79 mikrometru, għall-manifattura ta' diski manjetiċi flessibbli [1]; riti tal-poli(tereftalat tal-etilen), ta' ħxuna ta' 100 mikrometru jew iktar iżda li ma taqbiżx il-150 mikrometru, għall-manifattura ta' pjanċi fotopolimeri għall-istampar [1]	Eżenti	—
3920 62 19	–––– Oħrajn	6,5	—
3920 62 90	––– Ta' ħxuna li taqbeż iż-0,35 mm	6,5	—
3920 63 00	–– **Tal-poliesteri mhux saturati**	6,5	—
3920 69 00	–– **Ta' poliesteri oħrajn**	6,5	—
	– **Taċ-ċelluloża u derivattivi kimiċi tagħha:**		
3920 71 00	–– **Taċ-ċelluloża riġenerata**	6,5	—
3920 73	–– **Tal-aċetat taċ-ċelluloża:**		
3920 73 10	––– Pellikoli f'rombli jew fi strixxi, għaċ-ċinematografija jew għall-fotografija	6,3	—
3920 73 80	––– Oħrajn	6,5	—
3920 79	–– **Ta' derivattivi taċ-ċelluloża oħrajn:**		
3920 79 10	––– Tal-fibra vulkanizzata	5,7	—
3920 79 90	––– Oħrajn	6,5	—
	– **Ta' plastik ieħor:**		
3920 91 00	–– **Tal-poli(butiral tal-vinil)**	6,1	—
3920 92 00	–– **Tal-poliammidi**	6,5	—
3920 93 00	–– **Tal-amminoraży**	6,5	—
3920 94 00	–– **Tar-raży fenoliċi**	6,5	—
3920 99	–– **Ta' plastik ieħor:**		
	––– Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' kondensazzjoni jew ta' riarranġament, kemm jekk modifikati kimikament u kemm jekk le:		
3920 99 21	–––– Riti u strixxi tal-poliimmid, mhux miksija, jew miksija jew mgħottija biss bil-plastik	Eżenti	—
3920 99 28	–––– Oħrajn	6,5	—

[1] L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	−−− Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' żieda:		
3920 99 52	−−−− Pjanċi tal-poli(fluworur tal-vinil); riti tal-poli(alkoħol tal-vinil) b'orjentament biassjali, li fihom skont il-piż 97 % jew iktar poli(alkoħol tal-vinil), mhux miksija, ta' ħxuna li ma taqbiżx il-1 mm	Eżenti	—
3920 99 53	−−−− Membrani għall-iskambju joniku ta' materjal tal-plastik fluworinat, għall-użu fiċ-ċelloli elettrolitiċi tal-kloruri-alkalini ([1])	Eżenti	—
3920 99 59	−−−− Oħrajn	6,5	—
3920 99 90	−−− Oħrajn	6,5	—
3921	**Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik:**		
	– **Ċellulari:**		
3921 11 00	−− **Tal-polimeri tal-istiren**	6,5	—
3921 12 00	−− **Tal-polimeri tal-klorur tal-vinil**	6,5	—
3921 13	−− **Tal-poliuretani:**		
3921 13 10	−−− Flessibbli	6,5	—
3921 13 90	−−− Oħrajn	6,5	—
3921 14 00	−− **Taċ-ċelluloża riġenerata**	6,5	—
3921 19 00	−− **Ta' plastik ieħor**	6,5	—
3921 90	– **Oħrajn:**		
	−− Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' kondensazzjoni jew ta' riarranġament, kemm jekk immodifikati kimikament u kemm jekk le:		
3921 90 10	−−− Tal-poliesteri	6,5	—
3921 90 30	−−− Tar-raży fenoliċi	6,5	—
	−−− Tal-amminoraży:		
	−−−− Laminati:		
3921 90 41	−−−−− Laminati magħmulin bi pressjoni qawwija b'superfiċje dekorattiva fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat	6,5	—
3921 90 43	−−−−− Oħrajn	6,5	—
3921 90 49	−−−− Oħrajn	6,5	—
3921 90 55	−−− Oħrajn	6,5	—
3921 90 60	−− Tal-prodotti tal-polimerizzazzjoni ta' żieda	6,5	—
3921 90 90	−− Oħrajn	6,5	—
3922	**Banjijiet, banjijiet bid-doċċa, sinkijiet, washbasins, bidets, lokijiet, sedili u l-għotjien, ċisterni tal-flushing u oġġetti simili tal-kamra tal-banju, tal-plastik:**		
3922 10 00	– **Banjijiet, banjijiet bid-doċċa, sinkijiet u washbasins tal-banju**	6,5	—
3922 20 00	– **Sedili u għotjien tal-loki**	6,5	—
3922 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—

([1]) L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3923	**Oġġetti għall-ġarr jew għall-ippakkjar tal-oġġetti, tal-plastik; tappijiet, għotjien, kapsuli u sistemi tal-għeluq oħrajn, tal-plastik:**		
3923 10	– **Kaxex, cases, ċestuni u oġġetti simili:**		
3923 10 10	–– Kaxex, cases, ċestuni u oġġetti simili, tal-plastik, b'forma speċjali jew immodifikati għall-ġarr jew għall-ippakkjar tal-wafers, tal-maskri jew tar-retikoli tas-semikondutturi	Eżenti	—
3923 10 90	–– Oħrajn	6,5	—
	– **Xkejjer u boroż (inkluż koni):**		
3923 21 00	–– **Tal-polimeri tal-etilen**	6,5	—
3923 29	–– **Ta' plastik ieħor:**		
3923 29 10	––– Tal-poli(klorur tal-vinil)	6,5	—
3923 29 90	––– Oħrajn	6,5	—
3923 30	– **Damiġġjani, fliexken, flasks u oġġetti simili:**		
3923 30 10	–– Ta' kapaċità li ma taqbiżx iż-żewġ litri	6,5	p/st
3923 30 90	–– Ta' kapaċità li taqbeż iż-żewġ litri	6,5	p/st
3923 40	– **Lenbubi, tubi, bobini u rfid ieħor:**		
3923 40 10	–– Lenbubi, irkiekel u rfid simili għall-pellikoli fotografiċi u ċinematografiċi jew għat-tapes, għall-pellikoli u bħalhom tal-intestatura 8523	5,3	—
3923 40 90	–– Oħrajn	6,5	—
3923 50	– **Tappijiet, għotjien, kapsuli u sistemi tal-għeluq oħrajn:**		
3923 50 10	–– Kapsuli u kapsuni għall-fliexken	6,5	—
3923 50 90	–– Oħrajn	6,5	—
3923 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—
3924	**Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tal-iġjene jew tat-twaletta, tal-plastik:**		
3924 10 00	– **Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina**	6,5	—
3924 90 00	– **Oħrajn**	6,5	—
3925	**Oġġetti tal-bennejja tal-plastik, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra:**		
3925 10 00	– **Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili, ta' kapaċità li taqbeż it-300 litru**	6,5	—
3925 20 00	– **Bibien, twieqi u xambrelli tagħhom u s-sollijiet għall-bibien**	6,5	p/st [1]
3925 30 00	– **Shutters, blinds (inkluż venetian blinds) u oġġetti simili u parts tagħhom**	6,5	—
3925 90	– **Oħrajn:**		
3925 90 10	–– Fittings u montaturi intiżi għall-installazzjoni permanenti ġo jew fuq bibien, twieqi, turġien, ħitan jew parts oħrajn fil-binjiet	6,5	—

[1] Bieb jew tieqa biċ-ċaċċiż, bil-gwarnić jew bis-soll jew mingħajrhom jitqiesu bħala biċċa waħda.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
3925 90 20	–– Trunking, kanali u tilari għall-kejbils għal ċirkwiti elettriċi	6,5	—
3925 90 80	–– Oħrajn	6,5	—
3926	**Oġġetti oħrajn tal-plastik u oġġetti ta' materjali oħrajn tal-intestaturi 3901 sa 3914:**		
3926 10 00	– **Provvisti għall-uffiċċju jew għall-iskola**	6,5	—
3926 20 00	– **Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ (inkluż ingwanti, mittens u moffoli)**	6,5	—
3926 30 00	– **Fittings għall-għamara, għall-karrozzerija jew bħalhom**	6,5	—
3926 40 00	– **Statwetti u oġġetti ornamentali oħrajn**	6,5	—
3926 90	– **Oħrajn:**		
3926 90 50	–– Bramel perforati u oġġetti simili użati biex jiffiltraw l-ilma fid-dħul għad-drejns	6,5	—
3926 90 60	–– Tarek/viżieri protettivi tal-wiċċ	6,5	p/st
3926 90 97	–– Oħrajn	6,5 ([1])	—

([1]) Dazju sospiż fuq bażi awtonoma, għal perjodu indefinit, għall- kontraċettivi għant tal-poliuretan (Kodiċi TARIC 3926 90 97 60).

KAPITOLU 40

LASTIKU U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU

Noti

1. Ħlief meta l-kuntest jeħtieġ mod ieħor, fin-nomenklatura, l-espressjoni "lastiku" tfisser il-prodotti li ġejjin, kemm jekk vulkanizzati jew ibsin u kemm jekk le: il-lastiku naturali, il-balatá, il-guttaperka, il-guayule, iċ-chicle u gomom naturali simili, il-lastiku sintetiku, il-factice derivat miż-żjut, u dawn is-sustanzi reklamati.

2. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) oġġetti tat-Taqsima XI (tessuti u oġġetti tessili);

   (b) xedd is-saqajn u parts tiegħu tal-Kapitolu 64;

   (c) xedd ir-ras u parts tiegħu (inkluż il-kuffji tal-għawm) tal-Kapitolu 65;

   (d) apparati mekkaniċi jew elettriċi jew parts tagħhom tat-Taqsima XVI (inkluż l-oġġetti elettriċi ta' kull tip), tal-lastiku iebes;

   (e) oġġetti tal-Kapitolu 90, 92, 94 jew 96; jew

   (f) oġġetti tal-Kapitolu 95 (għajr l-ingwanti, il-mittens u l-moffoli tal-isports u l-oġġetti tal-intestaturi 4011 sa 4013).

3. Fl-intestaturi 4001 sa 4003 u 4005, l-espressjoni "forom primarji" tapplika biss għal dawn il-forom li ġejjin:

   (a) likwidi u pastes (inkluż il-latex, kemm jekk vulkanizzat minn qabel u kemm jekk le, u dispersjonijiet u soluzzjonijiet oħrajn);

   (b) blokok ta' forma irregolari, ċapep, balal, trabijiet, granuli, frak u mases mhux koerenti simili.

4. Fin-nota 1 ta' dan il-kapitolu u fl-intestatura 4002, l-espressjoni "lastiku sintetiku" tapplika għal:

   (a) sustanzi sintetiċi mhux saturati li jistgħu jkunu trasformati b'mod irreversibbli permezz tal-vulkanizzazzjoni bil-kubrit f'sustanzi mhux termoplastiċi li, f'temperatura ta' bejn 18 u 29 °C, ma jinkisrux meta jiġġebbdu għal tliet darbiet it-tul oriġinali tagħhom u jmorru lura, wara li jiġġebbdu għad-doppju tat-tul oriġinali tagħhom, f'perjodu ta' ħames minuti, għal tul mhux ikbar minn wieħed u nofs tat-tul oriġinali tagħhom. Għall-finijiet ta' dan it-test, jistgħu jiżdiedu s-sustanzi meħtieġa għar-retikolazzjoni, bħal pereżempju l-attivaturi jew l-aċċelleraturi tal-vulkanizzazzjoni; il-preżenza ta' sustanzi kif stipulat fin-nota 5(B)(2) u (3) hija permessa wkoll. Madankollu, il-preżenza ta' kwalunkwe sustanza mhux meħtieġa għar-retikolazzjoni, bħal pereżempju estendituri, plastifikanti u materjali tal-mili, mhijiex permessa;

   (b) tijoplasts (TM); u

   (c) lastiku naturali modifikat bit-tilqim jew bit-taħlit mal-plastik, lastiku naturali depolimerizzat, taħlitiet ta' sustanzi sintetiċi mhux saturati ma' polimeri għoljin sintetiċi saturati sakemm il-prodotti kollha msemmijin hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar il-vulkanizzazzjoni, l-elongazzjoni u l-irkupru skont il-punt (a) hawn fuq.

5. (A) L-intestaturi 4001 u 4002 ma japplikawx għal kwalunkwe lastiku jew taħlita ta' lastiku li kienu komposti, qabel jew wara l-koagulazzjoni, ma':

   (1) aġenti, aċċelleraturi, ritardaturi jew attivaturi tal-vulkanizzazzjoni (għajr dawk miżjudin għall-preparazzjoni tal-latex tal-lastiku vulkanizzat minn qabel);

(2) pigmenti jew materjali oħra għaż-żbigħ, għajr dawk miżjudin biss għall-finijiet ta' identifikazzjoni;

(3) plastifikanti jew estendituri (ħlief iż-żejt minerali fil-każ tal-lastiku estiż biż-żejt), materjali tal-mili, aġenti għar-rinfurzar, solventi organiċi jew kwalunkwe sustanza oħra, ħlief dawk permessi taħt (B).

(B) Il-preżenza ta' dawn is-sustanzi li ġejjin fi kwalunkwe lastiku jew taħlita ta' lastiku ma għandhiex taffettwa l-klassifikazzjoni tagħha fl-intestatura 4001 jew 4002, skont il-każ, sakemm dan il-lastiku jew taħlita ta' lastiku iżomm il-karatteristika essenzjali tiegħu bħala materjal grezz:

(1) l-emulsjonanti jew l-aġenti antiadeżivi;

(2) ammonti ċkejknin tal-prodotti ta' dekompożizzjoni tal-emulsjonanti;

(3) ammonti ċkejknin ħafna ta' dawn li ġejjin: aġenti sensittivi għas-sħana (ġeneralment, biex jinkiseb il-latex tal-lastiku termosensittiv), aġenti katjoniċi tensjoattivi (ġeneralment, biex jinkiseb il-latex tal-lastiku elettropożittiv), antiossidanti, koagulanti, aġenti għat-tfarrik, aġenti li jifilħu l-iffriżar, peptizzaturi, preservattivi, stabbilizzaturi, aġenti li jikkontrollaw il-viskożità, jew addittivi simili għal użu speċjali.

6. Għall-finijiet tal-intestatura 4004, l-espressjoni "skart, qtugħ u laqx" tfisser skart, qtugħ u laqx tal-lastiku mill-manifattura jew mix-xogħol fuq il-lastiku u oġġetti tal-lastiku li żgur mhux tajbin għall-użu kif inhuma minħabba li nqatgħu, minħabba t-tkagħbir bl-użu jew għal raġunijiet oħrajn.

7. Il-ħajt magħmul kompletament mil-lastiku vulkanizzat, li kwalunkwe dimensjoni trasversali tiegħu tkun taqbeż il-5 mm, għandu jkun ikklassifikat bħala strixxi, vireg jew forom profilati, tal-intestatura 4008.

8. L-intestatura 4010 tinkludi conveyor belts u belts tat-trażmissjoni jew conveyor belting u belting tat-trażmissjoni magħmula minn materjal tessili imprenjat, miksi, mgħotti jew laminat bil-lastiku jew magħmul minn raden tessili jew korda imprenjati, miksijin, mgħottijin jew imlibbsin bil-lastiku.

9. Fl-intestaturi 4001, 4002, 4003, 4005u 4008, l-espressjonijiet "pjanċi", "folji" u "strixxi" japplikaw biss għall-pjanċi, għall-folji u għall-istrixxi u għall-blokok ta' forma ġeometrika regolari, mhux maqtugħin jew maqtugħin biss f'forma rettangolari (inkluż il-forma kwadra), kemm jekk ikollhom il-karattru ta' oġġetti u kemm jekk le u kemm jekk ikunu stampati jew bis-superfiċje maħduma b'xi mod ieħor u kemm jekk le, iżda mhux maqtugħin għal xi forma b'xi mod ieħor jew maħdumin ulterjorment.

Fl-intestaturi 4008, l-espressjonijiet "vireg" u "forom profilati" japplikaw biss għal dawk il-prodotti, kemm jekk ikunu maqtugħin għal tul partikolari jew bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le iżda mhux maħdumin mod ieħor.

Nota addizzjonali

1. *Fejn id-drappijiet minsuġin, innittjati jew maħdumin bil-ganċ, il-feltru jew id-drappijiet mhux minsuġin huma ppreżentati biss għall-finijiet ta' rinforz, l-ingwanti, il-mittens jew il-moffoli imprenjati, miksija jew mgħottija bil-lastiku ċellulari, jaqgħu taħt il-Kapitolu 40, anki jekk ikunu:*

— *ikkonfezzjonati minn drappijiet minsuġin, innittjati jew maħdumin bil-ganċ (għajr għal dawk tal-intestatura 5906), feltru jew drappijiet mhux minsuġin imprenjati, miksija jew mgħottija bil-lastiku ċellulari, jew*

— *ikkonfezzjonati minn drappijiet minsuġin, innittjati jew maħdumin bil-ganċ, feltru jew drappijiet mhux minsuġin, li ma jkunux imprenjati, miksijin jew mgħottijin u li mbagħad jiġu imprenjati, miksija jew mgħottija bil-lastiku ċellulari.*

(In-nota 3(c) tal-Kapitolu 56 u n-nota 5, l-aħħar paragrafu, tal-Kapitolu 59).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
4001	**Lastiku naturali, balatá, guttaperka, guayule, chicle u gomom naturali simili, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi:**		
4001 10 00	– **Latex tal-lastiku naturali, kenmm jekk vulkanizzat minn qabel u kemm jekk le**	Eżenti	—
	– **Lastiku naturali f'forom oħrajn:**		
4001 21 00	–– **Folji affumikati**	Eżenti	—
4001 22 00	–– **Lastiku naturali teknikament speċifikat (TSNR)**	Eżenti	—
4001 29 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—
4001 30 00	– **Balatá, guttaperka, guayule, chicle u gomom naturali simili**	Eżenti	—
4002	**Lastiku sintetiku u factice derivat miż-żjut, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi; taħlitiet ta' kwalunkwe prodott tal-intestatura 4001 ma' kwalunkwe prodott ta' din l-intestatura, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi:**		
	– **Lastiku stiren-butadien (SBR); lastiku stiren-butadien karbossilat (XSBR):**		
4002 11 00	–– **Latex**	Eżenti	—
4002 19	–– **Oħrajn:**		
4002 19 10	––– Lastiku stiren-butadien magħmul permezz tal-polimerizzazzjoni ta' emulsjoni (E-SBR), f'balal	Eżenti	—
4002 19 20	––– Kopolimeri fi blokki stiren-butadien-stiren magħmula permezz tal-polimerizzazzjoni ta' soluzzjoni (SBS, elastomeri termoplastiċi), fi granuli, frak jew trabijiet	Eżenti	—
4002 19 30	––– Lastiku stiren-butadien magħmul permezz tal-polimerizzazzjoni ta' soluzzjoni (S-SBR), f'balal	Eżenti	—
4002 19 90	––– Oħrajn	Eżenti	—
4002 20 00	– **Lastiku butadien (BR)**	Eżenti	—
	– **Lastiku isobuten-isopren (butil) (IIR); lastiku alo-isobuten-isopren (CIIR jew BIIR):**		
4002 31 00	–– **Lastiku isobuten-isopren (butil) (IIR)**	Eżenti	—
4002 39 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—
	– **Lastiku kloropren (klorobutadien) (CR):**		
4002 41 00	–– **Latex**	Eżenti	—
4002 49 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—
	– **Lastiku akrilonitril-butadien (NBR):**		
4002 51 00	–– **Latex**	Eżenti	—
4002 59 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—
4002 60 00	– **Lastiku isopren (IR)**	Eżenti	—
4002 70 00	– **Lastiku etilen-propilen-dien mhux konjugat (EPDM)**	Eżenti	—
4002 80 00	– **Taħlitiet ta' kwalunkwe prodott tal-intestatura 4001 ma' kwalunkwe prodott ta' din l-intestatura**	Eżenti	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	– Oħrajn:		
4002 91 00	–– **Latex**	Eżenti	—
4002 99	–– **Oħrajn:**		
4002 99 10	––– Prodotti modifikati permezz tal-inkorporazzjoni tal-plastik	2,9	—
4002 99 90	––– Oħrajn	Eżenti	—
4003 00 00	**Lastiku reklamat fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi**	Eżenti	—
4004 00 00	**Skart, qtugħ u laqx tal-lastiku (għajr lastiku iebes) u trabijiet u granuli miksubin minnhom**	Eżenti	—
4005	**Lastiku kompost, mhux vulkanizzat, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi:**		
4005 10 00	**– Kompost bl-iswed tal-karbonju jew is-siliċe**	Eżenti	—
4005 20 00	**– Soluzzjonijiet; dispersjonijiet għajr dawk tas-subintestatura 4005 10**	Eżenti	—
	– Oħrajn:		
4005 91 00	–– **Pjanċi, folji u strixxi**	Eżenti	—
4005 99 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—
4006	**Forom oħrajn (eż. vireg, tubi u forom profilati) u oġġetti (eż. diski u ċrieki), tal-lastiku mhux vulkanizzat:**		
4006 10 00	**– Strixxi tat-tip camel-back għar-riġenerazzjoni tat-tajers tal-lastiku**	Eżenti	—
4006 90 00	**– Oħrajn**	Eżenti	—
4007 00 00	**Ħajt u korda tal-lastiku vulkanizzat**	3	—
4008	**Pjanċi, folji, vireg u forom profilati, tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes:**		
	– Tal-lastiku ċellulari:		
4008 11 00	–– **Pjanċi, folji u strixxi**	3	—
4008 19 00	–– **Oħrajn**	2,9	—
	– Tal-lastiku mhux ċellulari:		
4008 21	–– **Pjanċi, folji u strixxi:**		
4008 21 10	––– Kisi tal-art u twapet	3	m^2
4008 21 90	––– Oħrajn	3	—
4008 29 00	–– **Oħrajn**	2,9	—
4009	**Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes, kemm jekk bil-fittings tagħhom (eż. ġonot, elbows, flanġijiet) u kemm jekk le:**		
	– Mhux rinfurzati jew ikkombinati ma' materjali oħrajn b'xi mod ieħor:		
4009 11 00	–– **Mingħajr fittings**	3	—
4009 12 00	–– **Bil-fittings**	3	—
	– Rinfurzati jew ikkombinati biss ma' metall b'xi mod ieħor:		
4009 21 00	–– **Mingħajr fittings**	3	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
4009 22 00	–– **Bil-fittings**	3	—
	– **Rinfurzati jew ikkombinati biss ma' materjali tessili b'xi mod ieħor:**		
4009 31 00	–– **Mingħajr fittings**	3	—
4009 32 00	–– **Bil-fittings**	3	—
	– **Rinfurzati jew ikkombinati biss ma' materjali oħrajn b'xi mod ieħor:**		
4009 41 00	–– **Mingħajr fittings**	3	—
4009 42 00	–– **Bil-fittings**	3	—
4010	**Conveyor belts u belts tat-trażmissjoni jew conveyor belting u belting tat-trażmissjoni, tal-lastiku vulkanizzat:**		
	– **Conveyor belts jew belting:**		
4010 11 00	–– **Rinfurzati biss bil-metall**	6,5	—
4010 12 00	–– **Rinfurzati biss bil-materjali tessili**	6,5	—
4010 19 00	–– **Oħrajn**	6,5	—
	– **Belts tat-trażmissjoni jew belting tat-trażmissjoni:**		
4010 31 00	–– **Belts tat-trażmissjoni bla tarf b'sezzjoni trasversali trapeżojdali (V-belts), V-ribbed, b'ċirkonferenza ta' barra li taqbeż is-60 cm iżda li ma taqbiżx il-180 cm**	6,5	—
4010 32 00	–– **Belts tat-trażmissjoni bla tarf b'sezzjoni trasversali trapeżojdali (V-belts), għajr il-V-ribbed, b'ċirkonferenza ta' barra li taqbeż is-60 cm iżda li ma taqbiżx 180 cm**	6,5	—
